

IL-QORTI EWROPEA
TAL-AWDITURI

ISSN 1831-0907

Ir-Rapport Speċjali Nru 4

2011

IL-VERIFIKA TAL-FAĊILITÀ
TA' GARANZIJA GĦALL-SMES



MT



Ir-Rapport Speċjali Nru 4 // 2011

IL-VERIFIKA TAL-FAĊILITÀ TA' GARANZIJA GĦALL-SMES

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Telefown: +352 4398-1
Faks: +352 4398-46410
E-mail: euraud@eca.europa.eu
Internet: <http://www.eca.europa.eu>

Ir-Rapport Speċjali Nru 4 // 2011

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>)

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-9237-166-1
doi:10.2865/27953

© L-Unjoni Ewropea, 2011
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

WERREJ

Paragrafu

GLOSSARJU

I-VII **SOMMARJU EŻEKUTTIV**

1-11 **INTRODUZZJONI**

1-6 **L-SMES U L-AĊĊESS GĦALL-FINANZI**

7-11 **IL-KARATTERISTIĊI PRINĊIPALI TAL-FAĊILITÀ SMEG**

12-14 **L-AMBITU U L-APPROĊ TAL-VERIFIKA**

15-98 **IS-SEJBIET TAL-VERIFIKA**

15-27 **IT-TFASSIL TAL-FAĊILITÀ SMEG**

16-19 IL-FAĊILITÀ SMEG HIJA BBAŻATA FUQ LOĠIKA TA' INTERVENT IMPLIĊITA

20-22 IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT GĦEN FIT-TFASSIL TAL-FAĊILITÀ; MADANKOLLU, KIEN FIHA FTIT LI XEJN EVIDENZA FATTWALI LI SSOSTNI L-FAĊILITÀ

23-27 META MQABBLA MAL-MAP, L-OBJETTIVI HUMA AKTAR PREĊIŻI, IŻDA GĦADHOM NIEQSA MINN ĊAREZZA U MIRI SPEĊIFIĊI

28-45 **L-ISTABILIMENT TAL-ISTRUTTURA TAL-ĠESTJONI TAL-FAĊILITÀ SMEG: ID-DELEGAZZJONI TAL-ĠESTJONI TA' KULJUM LILL-FEI**

31-33 DEWMIEN FL-IPPJANAR TAL-FAĊILITÀ SMEG

34-37 SABIEX TIĠI PPREŻERVATA L-KONTINWITÀ TAS-SOSTENN ĠIET INTRODOTTA "KLAWŻOLA TA' RETROATTIVITÀ"

38-45 ĠIE STABILIT QAFAS XIERAQ TA' ĠESTJONI BIEX IĦADDEM IL-FAĊILITÀ SMEG

46-55 **L-GĦAŻLA TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI**

47-50 QAFAS TA' GĦAŻLA MFASSAL SEW

51-53 M'HEMMX BIŻŻEJJED REKORDS BIEX JIĠĠUSTIFIKAW IL-PARAMETRI TAL-QBIL

54-55 L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA MHUX DEFINITI GĦAL KOLLOX FIL-QBIL TA' GARANZIJI

56-72 IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR TAL-PRESTAZZJONI

59-68 ĠEW STABILITI INDIKATURI TAL-PRESTAZZJONI, IŻDA DAWN GĦANDHOM IKUNU AKTAR STABBLI U BBILANĠJATI

69-72 IR-RAPPURTAR TAR-REKWIŻITI HUMA ĊARI U RAĠONEVOLI U XI INTERMEDJARJI FINANZJARJI BISS IQISUHM BĦALA PIŻ

73-98 IL-KISBIET TAL-FAĊILITÀ SMEG

74-87 IL-PRODOTTI TAL-FAĊILITÀ SMEG

88-98 IL-VALUR MIŻJUD EWROPEW

99-104 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

L-ANNESS I — **ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ISTRUTTURA TAS-CIP SAL-FAĊILITÀ TA' GARANZIJA GĦALL-SMES**

L-ANNESS II — **IL-MONITORAĠĠ MILL-KUMMISSJONI U MILL-FEI**

L-ANNESS III — **IR-RAPPURTAR MILL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI LILL-FEI**

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

GLOSSARJU

Addizzjonalità: Il-faċilità ta' garanzija għall-SMEs tal-UE hija maħsuba sabiex tagħti aċċess *addizzjonali* lill-finanzi għall-SMEs u mhux biex tissostitwixxi għall-infiq tal-Istat. L-addizzjonalità se ssejtn tipikament jekk jiżdiedu l-volumi ta' self meta mqabbla ma' xenarju mingħajr intervent tal-UE.

Ammont ta' limitu tal-garanziji: L-ammont ta' limitu tal-garanziji jirreferi għall-ammont massimu ta' telf li l-FEI għandu obbligazzjoni lejha taħt garanzija tal-UE.

Ammont ta' portafoll massimu: L-ammont ta' portafoll massimu huwa l-volum ta' self massimu li jista' jkun kopert mill-garanzija tal-UE. Huwa stabbilit mill-FEI għal kull intermedjarju finanzjarju, u jitqiesu bosta kunsiderazzjonijiet bħall-baġit disponibbli tal-UE u volumi ta' self preċedenti li jistgħu jitqabblu.

BEI: Bank Ewropew tal-Investment

CIP: Il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1639/2006/ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jkopri l-perjodu 2007–13. Huwa programm varat mid-DĠ ENTR u d-DĠ ECFIN, ġestit mill-FEI taħt is-sorveljanza tad-DĠ ECFIN biex jitravmu l-intraprenditorjat u l-innovazzjoni tal-SMEs tal-UE.

Deċiżjoni CIP: Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru [ta' Qafas] għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sal-2013).

DĠ ECFIN: Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fil-Kummissjoni.

DĠ ENTR: Id-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija fil-Kummissjoni.

EIP: Il-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni huwa wieħed mit-3 pilastru tal-qafas CIP għall-promozzjoni tal-intraprenditorjat u l-innovazzjoni.

Eżitu: Bidla li ssir mill-implimentazzjoni ta' intervent u li normalment għandha x'taqsam mal-obiettivi ta' dan l-intervent. Eżiti jinkludu riżultati u impatti. Eżiti jafu jkun mistennija jew mhux mistennija, pożittivi jew negattivi.

Faċilità ta' garanzija SMEG: Faċilità ta' garanzija għall-SMEs: strument finanzjarju ġestit mill-FEI, li jagħti garanziji jew kontrogaranziji lil intermedjarji finanzjarji għal self mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji lill-SMEs bil-ħsieb li jiżdied il-forniment tal-finanzjament tal-SMEs permezz ta' dejn.

FEI: Il-Fond Ewropew tal-Investment twaqqaf mill-BEI biex jistruttura u jagħti prodotti finanzjarji speċjalizzati, li jinkludu kapital ta' riskju, strumenti ta' garanzija għall-SMEs u t-titolizzazzjoni. Il-FEI jaħdem ma' netwerk ta' intermedjarji finanzjarji, li ħafna minnhom huma speċjalizzati fil-finanzi tal-SMEs. Fil-kuntest tas-CIP, il-FEI jista' jitqies bħala l-manijer tal-operazzjonijiet tal-Faċilità ta' garanzija għall-SMEs.

FMA: Il-Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni tal-20/09/2007 bejn il-Komunità Ewropea u l-FEI għall-faċilità SMEG taħt il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007–13).

Ftehim ta' garanzija: Ftehimiet ta' garanzija huma l-qbil ta' garanzija individwali bejn il-FEI u intermedjarju finanzjarju li jkopru l-attivitajiet imwettqa abbażi ta' dan il-qbil.

G&E: L-inizjattiva Tkabbir u Impjiegi mwaqqfa bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/347/KE li tkopri l-perjodu 1998–2000. Il-programm suċċessur tal-G&E huwa l-MAP.

Impatt: Konsegwenzi soċjoekonomiċi fuq medda ta' żmien itwal li jistgħu jkunu osservati wara t-tlestija ta' intervent, li jistgħu jolqtu d-destinatarji diretti jew indiretti tal-intervent.

Intermedjarju finanzjarju: L-intermedjarji finanzjarji li jieħdu sehem fil-faċilità SMEG jistgħu jkunu istituzzjonijiet ta' garanzija pubblika, organizzazzjonijiet ta' garanzija reċiproka, istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament jew banek kummerċjali. Jistgħu jkunu selliefa diretti li jsellfu lill-SMEs, jew organizzazzjonijiet ta' garanzija indiretta li jew jikkograntixxu jew inkella jikkontrogarantixxu portafoll ta' self, ta' sellief dirett wieħed jew ta' bosta selliefa.

MAP: Il-Programm Multiannwali għall-Intrapriża u l-Intraprenditorjat li jkopri l-perjodu 2001–06 huwa programm tal-SMEs tad-DĠ ENTR ġestit mill-FEI taħt is-sorveljanza tad-DĠ ECFIN. Kien il-programm predeċessur tas-CIP.

OECD: Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Prodott: Dak li huwa prodott jew magħmul bir-riżorsi allokat li għal intervent.

Rapport ta' implimentazzjoni: Id-Deċiżjoni CIP tal-Kunsill tistipula li l-Kummissjoni għandha tfassal rapport ta' implimentazzjoni annwali għall-Programm ta' Qafas u għal kull programm speċifiku, waqt li teżamina l-attivitajiet sostnuti fir-rigward ta' implimentazzjoni finanzjarja, riżultati u, fejn possibbli, impatt. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-rapporti ta' implimentazzjoni annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Rata ta' limitu tal-garanziji: Ir-rata ta' limitu tal-garanziji hija rata miftehma minn qabel li fiha l-obbligazzjoni tal-FEI tingħata limitu taħt ftehim ta' garanzija. L-ammont ta' obbligazzjoni tal-FEI taħt ftehim ta' garanzija (ammont ta' limitu tal-garanziji) jista' jkun ikkalkulat billi jiġi multiplikat il-volum tal-portafoll bir-rata ta' garanziji u bir-rata ta' limitu tal-garanziji.

Eż. volum tal-portafoll = 1 000; rata ta' garanziji = 50 %; rata ta' limitu tal-garanziji = 10 %. B'hekk, l-obbligazzjoni massima tal-FEI (ammont ta' limitu tal-garanziji) = $1\ 000 \times 50\% \times 10\% = 50$.

Riżorsi: Riżorsi finanzjarji, umani u materjali li huma mobilizzati għall-implimentazzjoni ta' intervent.

Riżultat: Bidliet immedjati li jsiru għal destinatarji diretti fi tmiem sehemhom f'intervent.

SME: Intrapriża Żgħira u ta' daqs Medju. Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-SMEs huma definiti bħala intrapriżi li jimpjegaw mhux inqas minn 250 impjegat, li għandhom dħul annwali li ma jaqbiżx l-EUR 50 miljun, u/jew total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx l-EUR 43 miljun u jikkonformaw mal-kriterju ta' intrapriża awtonoma.

Strateġija ta' Lisbona: Matul il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Lisbona (Marzu 2000), il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern varaw "Strateġija ta' Lisbona" li kellha l-għan li tagħmel l-Unjoni Ewropea l-ekonomija l-aktar kompetittiva tad-dinja u li jinkiseb impjeg sħiħ sal-2010.

Strumenti finanzjarji: Fit-test dan jirreferi għall-faċilità SMEG. Strumenti finanzjarji Komunitarji għall-SMEs taħt il-Programm EIP jinkludu l-Faċilità għat-Tkabbir, Għoti u l-Innovazzjoni għall-SMEs (GIF) u l-Iskema għall-Bini tal-Kapaċità (CBS).

Twieqi tas-SMEG: L-erba' twieqi tal-faċilita' SMEG huma:

- finanzjament permezz ta' dejn jew kiri,
- finanzjament tal-mikrokreditu,
- garanziji għal investimenti f'ekwitajiet jew kważi ekwitajiet fl-SMEs, u
- konferma dokumentata [titolizzazzjoni] tal-portafolji ta' finanzjament tal-SMEs permezz ta' dejn.

Valutazzjoni tal-impatt *ex-ante*: Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, l-Anness għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm Kwadru [ta' Qafas] għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sal-2013), SEC(2005) 433.

Volum ta' referenza: Volum ta' referenza jirrappreżenta l-ammont ta' garanziji jew ta' finanzjament li l-intermedjarju jista' jkun raġonevolment mistenni li jikseb fin-nuqqas tal-garanzija tal-UE.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I.

Il-faċilità ta' Garanzija għall-SMEs (SMEG) hija strument finanzjarju ġestit mill-Fond Ewropew tal-Investment f'isem il-Kummissjoni Ewropea u li jagħti garanziji jew kontrogaranziji lil intermedjarji finanzjarji għal self mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji lill-SMEs bil-għan li jiżdied il-forniment ta' finanzjament permezz ta' dejn.

II.

L-objettiv tal-verifika tal-Qorti kienet il-valutazzjoni tal-effettività tal-faċilità SMEG, partikolarment it-tfassil u l-ippjanar, il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tagħha u l-ilħuq tal-objettivi tagħha.

III.

Il-Qorti sabet li l-objettivi tas-SMEG kurrenti huma aktar preċiżi minn dawk ta' taħt il-programmi ta' qabel, iżda huma biss speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu u f'waqthom f'dak li jirrigwarda l-prodotti mistennija. Il-loġika ta' intervent ma saritx b'mod espliċitu u ngħatat kwantifikazzjoni limitata tal-impatti potenzjali fl-istadju tal-ippjanar tal-faċilità.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

IV.

Il-qafas għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' kuljum jitqies xieraq, iżda ma jinkludix standards ta' punteġġi jew rekwiżiti minimi għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji.

V.

Ġew stabbiliti biżżejjed indikaturi tal-prodotti, u li ntużaw biex isir rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-faċilità tas-SMEG. Ir-rekwiżiti tar-rappurtar huma sodisfaċenti u aċċettati mill-intermedjarji finanzjarji.

VI.

Tista' tintlaħaq l-unika mira kwantifikata li għandha x'taqsam mal-għadd ta' SMEs li għandhom jintlaħqu bil-faċilità SMEG. Dwar l-iskop tas-self mogħti, inqas minn nofshom ingħataw lil SMEs li kienu nieqsa minn kapital ta' garanzija u 12 % biss ingħataw lil SMEs li użawhom għal investimenti innovattivi. L-analiżi tal-kampjun tal-Qorti tas-self identifikat telf nett ta' 38 % fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm. Il-valur miżjud tal-faċilità mill-UE ma ntweriex biċ-ċar qabel ma ġie varat u lanqas mhuwa indikat fil-qbil ta' garanzija mal-intermedjarji finanzjarji.

VII.

Il-Qorti tirrakkomanda li l-loġika tal-programm għandha ssir b'mod espliċitu fi kwalunkwe intervent simili fil-ġejjieni, u li jitqiesu indikaturi tal-prestazzjoni addizzjonali jew aħjar. L-għażla ta' intermedjarji finanzjarji potenzjali għandha tkun ibbażata fuq rekwiżiti minimi għall-kriterji li għandhom ikunu ssodisfati mill-applikanti u għandha tiddaħħal fis-seħħ sistema ta' punteġġ biex l-applikazzjonijiet ikunu jistgħu jitqabblu. Għandhom jiġu previsti miżuri xierqa biex kemm jista' jkun jitnaqqas it-telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm. Matul il-perjodu tal-ippjanar, il-valur miżjud tal-instrument mill-UE għandu jintwera biċ-ċar.

INTRODUZZJONI

L-SMES U L-AĊĊESS GĦALL-FINANZI

1. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE¹, u jirrappreżentaw 99 % tal-intrapriżi kollha u jipprovdu 75 miljun impjieg fl-Unjoni Ewropea². Madankollu, is-swieq finanzjarji joqogħdu attenti milli jinvestu f'SMEs ġodda jew żgħar li jitqiesu bħala investimenti ta' riskju kbir, speċjalment jekk huma fi swieq innovattivi. Skont l-Osservatorju tal-SMEs Ewropej³, l-aċċess limitat għall-finanzi huwa problema għall-SMEs fl-Ewropa. Is-settur pubbliku għandu rwol importanti x'jaqdi fis-sostenn tas-settur tal-SMEs, partikolarment fl-għoti ta' finanzjament xieraq.
2. Il-politika tal-SMEs hija element prinċipali tal-Istrateġija ta' Lisbona li timmira li tagħmel l-Ewropa post aktar attraenti għall-investiment u għax-xogħol⁴. L-Istrateġija ta' Lisbona enfasiz-
zati li l-inizjattivi u l-innovazzjoni intraprenditorjali għandhom jiġu stimulati u mħeġġa. Għalhekk għandu jinholq ambjent ta' ħbiberija biex jinbdew negozji innovattivi, speċjalment SMEs⁵. Waħda mill-miżuri ta' sostenn tal-UE lill-SMEs tiffaċilita l-aċċess tagħhom għal finazi esterni u hija magħrufa bħala l-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs (SMEG).
3. Il-faċilità SMEG twaqqfet f'Ottubru 2006 bħala parti mill-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP)⁶. Ġejja mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/347/KE dwar miżuri ta' għajnuna finanzjarja għal SMEs innovattivi u li joħolqu l-impjiegi – Tkabbir u Impjiegi (G&E), li tkompla bħala parti mill-Programm Multiannwali għall-Intrapriża u l-Intraprenditorjat (MAP)⁷ sussegwenti li twaqqaf fl-2001. Taħt is-CIP, il-faċilità SMEG hija waħda mill-istrumenti finanzjarji tal-Komunità li ġew varati taħt il-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP) (ara l-**Annex I**).

¹ "Giving SMEs the credit they need" (Nagħtu lill-SMEs il-kreditu li jeħtieġu), Il-maġazin tal-Politika tal-Intrapriża, il-Kummissjoni Ewropea, 12.2.2009.

² COM(2005) 551 finali, 10.11.2005.

³ Osservatorju tal-SMEs Ewropej, Rapport Analitiku, Novembru 2006–Janjar 2007, Flash Eurobarometer.

⁴ COM(2005) 24 finali, 2.2.2005.

⁵ Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, Konklużjonijiet tal-Presidenza.

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru [ta' Qafas] għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sal-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (IŻM) [SMEs] (2001–05) (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 84).

4. L-EIP għandu objettivi b'firxa wiesgħa: it-titjib tal-"aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' SMEs u investiment f'attivitajiet ta' innovazzjoni". Il-faċilità SMEG tħaddan tipi differenti ta' skemi ta' garanzija, kull waħda minnhom bil-għan li jiġi sostnut l-intraprenditorjat permezz tat-titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzi. Fiha erba' skemi differenti (jew 'twieqi'), it-tieqa tas-self u tal-kirjiet, it-tieqa tal-mikrokreditu, it-tieqa tal-ekwità u l-kważi ekwità u t-tieqa tal-konferma dokumentata [titolizzazzjoni].
5. Il-faċilità SMEG ġiet allokata EUR 978 miljun għall-perjodu 1998 sal-2013 taħt it-tliet programmi ta' qafas suċċessivi (il-G&E, il-MAP u s-CIP). Fi tmiem l-2009, dan il-baġit iggarantixxa portafoll ta' self totali ta' EUR 10,6 biljun (ara t-**Tabella 1**).

TABELLA 1

IL-BAĠIT ĠENERALI TAL-FAĊILITÀ SMEG

	Baġit (EUR miljun)	Portafoll ta' self garantit fi tmiem l-2009 (EUR miljun)
SMEG 1998 (G&E)	187	2 402
SMEG 2001 (MAP)	281	4 642
SMEG 2007 (CIP)	510 ¹	3 534
Total	978	10 578

¹ Baġit indikattiv għas-SMEG fil-bidu tas-CIP. L-allokkazzjoni ta' baġits bejn it-tipi differenti ta' strumenti finanzjarji ssir fuq bażi annwali.

Sors: Il-QEA abbażi ta' bosta rapporti mill-Kummissjoni Ewropea u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

6. EUR 510 miljun huma allokatati taħt is-CIP kurrenti għall-perjodu 2007 sal-2013. Il-baġit jintuża biss f'każ ta' inadempjenza ta' self garantit, u għal kull intermedjarju tiġi ffissata obbligazzjoni massima għall-baġit tal-UE. Sal-31 ta' Diċembru 2009 l-ammont totali ta' sejħiet ta' garanzija li saru taħt is-CIP kien ta' EUR 1,7 miljun. Għal tqassim dettaljat tar-riżultati milħuqa mill-faċilità taħt is-CIP, ara t-**Tabella 2**.

IL-KARATTERISTIĊI PRINĊIPALI TAL-FAĊILITÀ SMEG

7. Il-ġestjoni operazzjonali tal-faċilità SMEG tinvolvi bosta partijiet (ara l-**Istampa 1**).

TABELLA 2

RIŻULTATI MILĦUQA MILL-FAĊILITÀ SMEG TAĦT IS-CIP – ĊIFRI PRINĊIPALI TAL-31 TA' DIĊEMBRU 2009

	Total	It-Tieqa tas-self	It-Tieqa tal-mikrokreditu
Għadd ta' intermedjarji	21	17	4
Għadd ta' ftehimiet	25	21	4
Pajjiżi koperti	13	11	4
Għadd ta' SMEs	58 767	50 476	8 314
Għadd ta' self	64 327	55 796	8 531
Għadd ta' impjegati (stmat fid-data tal-inklużjoni)	217 134	204 155	13 004
Garanzija tal-UE f'EUR miljun	3 534	3 306	228
Garanziji nett mitluba f'EUR miljun	1,7	0,8	0,9
Ammont ta' self f'EUR miljun	3 793	3 695	98
Ammont ta' investiment f'EUR miljun	6 849	6 692	157
Finanzjament stmat tal-SMEs garantit f'EUR miljun	11 610	11 264	346


Sors: Rapport ta' kull tliet xhur tal-31 ta' Diċembru 2009 – faċilità SMEG 2007, il-Fond Ewropew tal-Investiment.

8. Żewġ Direttorati Ġenerali fil-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI)⁸, huma kollha involuti fit-tfassil, fil-ġestjoni u fil-monitoraġġ tal-faċilità SMEG. Id-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija (DĠ ENTR) huwa l-koordinatur tal-bażi legali, iħejji l-programmi tax-xogħol annwali u r-rapporti tal-implimentazzjoni tal-bosta pilastri tas-CIP u huwa responsabli mill-organizzazzjoni tal-evalwazzjonijiet tal-programmi. Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN) għandu r-responsabbiltajiet ta' ġestjoni diretta għas-SMEG, peress li huwa inkarigat bin-negozjar tal-Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni (FMA) mal-FEI⁹, bl-approvazzjoni ta' intermedjarji finanzjarji, bil-monitoraġġ ta' ċaqliq ta' likwidità fuq il-kontijiet fiduċjarji u bl-iżgurar li l-fondi jintefqu skont l-oġettivi tas-CIP.

⁸ Il-FEI huwa l-korp tal-Unjoni Ewropea speċjalizzat fil-għoti ta' strumenti ta' garanzija u kapital ta' riskju għall-SMEs.

⁹ Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni tal-20/09/2007 bejn il-Komunità Ewropea u l-FEI għall-faċilità SMEG taħt il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013).

ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-FLUSS TAL-PROĊESS SMEG



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

- 9.** Il-FEI jagħti garanziji lill-intermedjarji finanzjarji bil-għan li tittejjeb il-kapaċità ta' self tagħhom, u b'hekk, id-disponibbiltà u t-termini ta' self lejn l-SMEs. Il-FEI jiffirma qbil ta' garanzija f'ismu stess, f'isem il-Kummissjoni u għar-riskju u l-ispejjeż tal-baġit tal-Unjoni. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-faċilità, il-FEI tirrapporta lid-DĠ ECFIN fuq il-progress miksub fuq bażi ta' kull tliet xhur.
- 10.** L-intermedjarji finanzjarji li jieħdu sehem fil-faċilità SMEG huma istituzzjonijiet ta' garanzija pubblika, organizzazzjonijiet ta' garanzija reċiproka, istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament, u banek kummerċjali li sidhom huwa l-pubbliku jew inkella l-pubbliku jikkontrollahom. Jafu jkunu selliefa diretti li jagħtu self lill-SMEs jew organizzazzjonijiet ta' garanzija indiretta li jew jikkogaratixxu jew inkella jikkontrogaratixxu¹⁰ portafoll ta' self tal-SMEs ta' sellief dirett wieħed jew ta' bosta selliefa. Kull ftehim ta' garanzija¹¹ jiddetermina volumi mmirati speċifiċi biex jinkiseb is-self mill-intermedjarju finanzjarju.
- 11.** L-SMEs iridu jissodisfaw id-definizzjoni ta' SME tal-Kummissjoni biex ikunu eliġibbli għal garanzija taħt il-faċilità SMEG. SME hija definita bħala intrapriża li timpjega inqas minn 250 impjegat u li għandha dħul annwali li ma jaqbiżx l-EUR 50 miljun u/jew karta tal-bilanċ annwali li ma taqbiżx l-EUR 43 miljun. Għandha tissodisfa wkoll il-kriterju li tkun intrapriża awtonoma¹².

¹⁰ Koganzija tagħti garanzija oħra lis-sellief minbarra l-garanzija prinċipali, filwaqt li kontrogaranzija tiggarrantixxi parti mill-garanzija tal-ewwel garanti.

¹¹ "Ftehimiet ta' garanzija" huma l-qbil ta' garanzija individwali bejn il-FEI u intermedjarju finanzjarju, u l-attivitajiet imwettqa abbażi ta' dan il-qbil.

¹² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L124, 20.5.2003, p. 36).

L-AMBITU U L-APPROĊ TAL-VERIFIKA

12. L-objettiv tal-verifika tal-Qorti kien il-valutazzjoni tal-effettività tal-faċilità SMEG billi ġew indirizzati l-mistoqsijiet tal-verifika li ġejjin:

- Il-Kummissjoni fasslet il-faċilità SMEG u l-istruttura tal-ġestjoni tagħha b'mod koerenti u effettiv?
- Il-Kummissjoni u l-FEI stabbilixxew u applikaw proċeduri effettivi għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji xierqa u għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-faċilità SMEG?
- Il-ftehimiet ta' garanzija tal-SMEs ikkontribwixxew għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika?

13. Il-verifika eżaminat l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet prinċipali kollha involuti fil-faċilità SMEG – il-Kummissjoni, il-FEI u l-intermedjarji finanzjarji. Il-fokus prinċipali kien il-faċilità SMEG taħt is-CIP (2007–13); is-SMEG taħt il-MAP intużat għall-iskop ta' tqabbil mas-CIP.

14. Il-verifika kopriet dan li ġej:

- valutazzjoni ta' jekk l-objettivi tas-SMEG kinux SMART u jekk it-tfassil u l-ippjanar tal-faċilità x'aktarx li kienu se jilħqu riżultati effettivi;
- evalwazzjoni tal-ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-faċilità SMEG, b'valutazzjoni tal-proċeduri ta' għażla tal-intermedjarji finanzjarji u tal-proċeduri ta' rappurtar u ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni u tal-FEI;
- żjarat lil disa' intermedjarji finanzjarji¹³ (mill-14 li kienu kkuntrattati fl-istadju tal-ippjanar tal-verifika f'Ġunju 2009). Intgħażlu skont il-kriterji li ġejjin: (i) it-tip ta' garanzija, (ii) il-volum ta' garanzija attwali miksub, (iii) it-tip ta' intermedjarju finanzjarju, u (iv) il-garanzija diretta jew kontrogaranzija. Għal kull intermedjarju finanzjarju ġew eżaminati l-proposta ta' garanzija relatata, il-valutazzjoni tagħha mill-FEI u mill-Kummissjoni u l-qbil iffirmat bejn il-FEI u l-intermedjarju finanzjarju;

¹³ Ġew miżjura intermedjarji finanzjarji fil-Belġju, fi Franza, fl-Ungerija, fis-Slovenja, fl-Italja, fi Spanja u fil-Ġermanja.

- o għażla ta' kampjun ta' 181 self mid-disa' intermedjarji finanzjarji miżjura sabiex jiġi vvalutat li l-użu tas-self garantit tal-SMEs kien skont l-oġettivi tas-SMEG¹⁴; u
- o kwestjonarju lill-51 intermedjarju finanzjarju kollha li ħadu sehem taħt il-MAP u/jew is-CIP¹⁵ sabiex jinkisbu fehmietom fuq it-tfassil u l-ġestjoni tal-faċilità SMEG¹⁶.

¹⁴ Ġew spezzjonati fuq il-post għand l-intermedjarji, id-dokumentazzjoni dwar il-proposta u l-approvazzjoni tas-self, il-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu ta' min jissellef u l-iskop tas-self.

¹⁵ Il-kwestjonarju stieden lill-intermedjarji biex iwiegħbu għal 48 mistoqsija dwar temi bħall-: (i) proċess ta' applikazzjoni għas-SMEG, (ii) ġestjoni tal-FEI matul it-tul tal-ħajja tal-garanzija (iii), prodott garantit, u (iv) impatt tal-kriżi finanzjarja fuq il-prodotti. Barra dan, l-intermedjarji li ħadu sehem taħt il-MAP imma mhux taħt is-CIP ġew mistoqsija biex jindikaw ir-raġunijiet.

¹⁶ Tqiesu l-kummenti kemm mill-FEI kif ukoll mill-Kummissjoni fl-abbozzar tal-mistoqsijiet. Inkisbet rata ta' rispons ta' 82 % (42 minn 51 intermedjarju finanzjarju).

IS-SEJBIET TAL-VERIFIKA

IT-TFASSIL TAL-FAĊILITÀ SMEG

- 15.** L-intervent pubbliku x'aktarx li jkollu aktar suċċess jekk jiffasal sew. Sabiex it-tfassil jiġi vvalutat, din it-taqsimha tanalizzat l-loġika ta' intervent li fuqha hija bbażata l-faċilità SMEG. Hija tgħarbel il-valutazzjoni tal-impatt *ex-ante* għas-CIP¹⁷ relatata mal-faċilità SMEG u l-punt safejn tqiesu r-riżultati ta' din il-valutazzjoni matul l-istadju tat-tfassil. Fl-aħħar nett, l-oġettivi tal-faċilità SMEG huma vvalutati fid-dawl ta' kriterji speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, relevanti u f'waqthom (SMART).

IL-FAĊILITÀ SMEG HIJA BBAŻATA FUQ LOĠIKA TA' INTERVENT IMPLIĊITA

- 16.** Il-loġika ta' intervent tipprovdi r-rabta bejn ir-riżorsi ta' intervent u l-produzzjoni tal-prodotti tiegħu u, bħala riżultat ta' dan, l-impatti tiegħu fuq is-soċjetà għal dak li għandu x'jaqsam ma' riżultati u eżiti. Hija tiddekrivi kif intervent huwa mistenni jilħaq l-oġettivi globali tiegħu. Loġika ta' intervent espliċita turi kif il-programm suppost jaħdem.
- 17.** La d-deċiżjoni CIP u lanqas il-proposta tal-Kummissjoni jew il-valutazzjoni tal-impatt għas-CIP ma ddeskriviet il-loġika ta' intervent tal-faċilità SMEG b'dan il-mod. In-nuqqas ta' loġika ta' intervent espliċita ġie nnutat ukoll mill-evalwatur interim tal-EIP¹⁸.
- 18.** Madankollu d-dokumenti ta' tnejn differenzi tasew jagħtu biżżejjed informazzjoni biex issir suppożizzjoni impliċita dwar kif il-faċilità SMEG suppost taħdem. Għas-selliefa jaf ikun diffiċli jivvalutaw applikazzjonijiet għas-self individwali u r-riskji involuti, l-aktar jekk min jissellef m'għandux rekord stabbilit ta' xogħol li jkun għamel fil-passat (bidu ta' negozju). F'sitwazzjoni bħal din, dawk li jissellfu jistgħu jiggerantixxu s-self lis-sellief permezz ta' għoti ta' kapital ta' garanzija, iżda dawk li m'għandhomx biżżejjed kapital ta' garanzija jista' jiċċaħħdilhom l-aċċess għall-kreditu saħansitra jekk ikollhom propożizzjonijiet ta' negozju vijabbli. Il-faċilità SMEG tfittex li tirrimedja din is-sitwazzjoni billi tagħti garanziji f'każijiet fejn l-SMEs ma jistgħux jagħmlu dan.

¹⁷ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, l-Anness għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007–13), SEC(2005) 433, 6.4.2005.

¹⁸ L-evalwatur interim irrakkomanda li tingħata dikjarazzjoni ċara tal-loġika ta' intervent għal kull miżura sabiex tittejjeb il-koerenza ġenerali tal-programm u sabiex jintwera l-impatt. Il-Kummissjoni Ewropea "Interim Evaluation of the Entrepreneurship and Innovation Programme", (Evalwazzjoni interim tal-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni), 2009.

19. Minkejja dan, fin-nuqqas ta' loġika ta' intervent espliċitu, huwa diffiċli li wieħed jifhem il-prinċipji ġustifikati ta' xi elementi speċifiċi tal-faċilità SMEG, bħall-immirar ta' SMEs innovattivi permezz tat-tieqa tas-self. SMEs innovattivi huma mmirati bis-saħħa ta' finanzjament permezz ta' dejn għalkemm investimenti tal-ekwità ġeneralment jitqiesu bħala aktar xierqa għal dan it-tip ta' SME¹⁹.

IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT GĦEN FIT-TFASSIL TAL-FAĊILITÀ; MADANKOLLU, KIEN FIHA FTIT LI XEJN EVIDENZA FATTWALI LI SSOSTNI L-FAĊILITÀ

20. Il-valutazzjoni tal-impatt huwa strument importanti użat mill-Kummissjoni fit-tfassil ta' politika²⁰. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tidentifika u tanalizza l-problema inkwistjoni, l-oġġettivi li għandhom jiġu segwiti u l-alternattivi ta' politika prinċipali li hemm disponibbli għall-ilħuq ta' dawk l-oġġettivi. Għall-bosta alternattivi ta' politika, il-valutazzjoni għandha tevalwa l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali probabbli. Fl-aħħar nett, il-valutazzjoni tal-impatt għandha tidentifika l-arranġamenti ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni meħtieġa matul l-implimentazzjoni tal-politika.
21. Għal dak li jirrigwarda l-faċilità SMEG, dan it-tip ta' analiżi jagħmel parti mill-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP. Il-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP kien fiha t-taqsimiet mandatarji kollha u fil-fatt tixħet dawl fuq il-kunsiderazzjonijiet li sawwru t-tfassil tas-CIP u l-elementi prinċipali tiegħu bħall-faċilità SMEG. B'hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP tirrappreżenta titjib meta mqabbla mal-MAP, li għalih ma saret l-ebda analiżi bħal din.
22. Madankollu, ħafna partijiet mill-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP ma fihomx biżżejjed dettall u kwantifikazzjoni. Pereżempju, l-analiżi tal-problema hija nieqsa minn kwalunkwe indikazzjoni tad-daqs tagħha u l-analiżi ta' alternattivi tal-politika differenti hija bbażata biss fuq tqabbil kwalitattiv simplistiku mingħajr l-ebda kwantifikazzjoni tal-impatti probabbli. Għall-alternattiva miżmuma, ħlief għall-impatt fuq il-għadd ta' impjegji, il-Kummissjoni kkwantifikat prodotti mistennija²¹ minflok l-impatt.

¹⁹ Ara pereżempju North, Baldock, Ekanem, Whittam and Wyper: "Access to Bank Finance for Scottish SMEs", (Access għall-Finanzi tal-Banek għal SMEs Skoċċiżi), 2008.

²⁰ COM(2002) 276 finali, 5.6.2002.

²¹ Il-valutazzjoni tal-impatt tqis il-prodotti bħall-għadd ta' self jew l-għadd ta' SMEs bħala impatti. Madankollu, l-impatt proprju huwa inqas mill-prodotti, għaliex parti mill-SMEs ikunu kisbu s-self mingħajr il-garanzija.

META MQABBLA MAL-MAP, L-OBJETTIVI HUMA AKTAR PREĊIŻI, IŻDA GĦADHOM NIEQSA MINN ĊAREZZA U MIRI SPEĊIFIĊI

- 23.** Objettivi SMART għandhom jiġu stabbiliti għal kwalunkwe attività tal-baġit²². L-objettivi jitqiesu bħala:
- speċifiċi jekk huma preċiżi u konkreti biżżejjed biex ma jkunux miftuħa għal interpretazzjonijiet li jvarjaw²³;
 - li jistgħu jitkejlu jekk il-prodott jista' jitkejjel u għalhekk jista' jiġi vvalutat kwalunkwe titjib;
 - li jistgħu jitkejlu jekk ir-riżultati mistennija jistgħu jiġu prodotti b'mod realistiku bir-riżorsi disponibbli;
 - relevanti jekk għandhom x'jaqsmu mal-ħtiġijiet u mal-objettivi strateġiċi; u
 - f'waqthom jekk għandhom x'jaqsmu ma' skadenza jew perjodu ta' żmien²³.
- 24.** Minħabba l-istruttura pjuttost kumplessa tas-CIP (ara l-**Anness I**), l-istruttura ġerarkika tal-objettivi hija wkoll kumplessa. Erba' objettivi globali huma stabbiliti fil-livell tal-programm ta' qafas²⁴. Fil-każ tal-EIP li jinkludi l-faċilità SMEG, l-objettivi immedjati²⁵ huma definiti fil-livell tal-programm speċifiku²⁶. Għalkemm ma jiġi stabbilit l-ebda objettiv speċifiku fil-livell tal-istrumenti finanzjarji, l-artikolu 19.2 tad-Deċiżjoni CIP jiddeskrivi kull tiegħa tal-faċilità SMEG b'mod li jixbah lil objettiv (ara l-**Kaxxa 1**).
- 25.** L-objettivi huma relevanti, iżda huma speċifiċi biss, iddikjarati f'format li jista' jitkejjel u f'waqthom fir-rigward tal-prodotti mistennija tal-faċilità. Il-mira kwantifikata li jintlaħqu 315 750 SME tidher li tista' tinkiseb b'mod raġonevoli (ara l-paragrafu 77).

²² L-Artikolu 27(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

²³ Id-definizzjoni hija meħuda mill-Kummissjoni Ewropea, Linji Gwida għall-Valutazzjoni tal-Impatt, SEC(2005) 791, 15.6.2005.

²⁴ Id-Deċiżjoni CIP, l-Artikolu 2.

²⁵ Objettivi immedjati għandhom x'jaqsmu mar-riżultat ta' intervent fuq destinatari diretti u jqisu l-qasam speċifiku maħsub u n-natura partikolari tal-intervent tal-politika li qiegħda titqies. Għas-SMEG, l-objettiv relevanti tal-EIP jitqies bħala l-objettiv immedjat.

²⁶ Id-Deċiżjoni CIP, l-Artikolu 10.

26. Meta mqabbla mal-MAP, l-objettivi tal-faċilità SMEG kienu aktar preċiżi. Madankollu, huma definiti b'mod wiesa' ħafna. Pereżempju, skont l-objettiv immedjat tal-EIP, is-self irid itej-jeb "l-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' SMEs". Dan l-objettiv jimplika sett wiesa' ħafna ta' SMEs immirati potenzjali peress li wieħed jista' jirraġuna li kwalunkwe SME se tidħol għal kwalunkwe self sabiex ikun żgurat it-tkabbir ta' kumpanija. Ukoll, il-kunċett ta' innovazzjoni ġie interpretat b'mod wiesa'²⁷.

²⁷ Eżempji tal-innovazzjoni misjuba fil-kampjun: investment f'teknoloġija ġdida ta' disinn u manifattura ta' materjali għall-ippakkjar u ta' tqassim ġo maħżen, forn ġdid b'funzjonalitajiet ġodda f'ħanut tal-forn.

KAXXA 1

OBJETTIVI RELEVANTI GĦALL-FAĊILITÀ SMEG

Objettiv globali

Li jrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi, b'mod partikolari tal-SMEs.

Objettiv immedjat

Li jtejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' SMEs u investment f'attivitajiet ta' innovazzjoni.

L-erba' twieqi tas-SMEG

It-tieqa tas-self – għandha tnaqqas id-diffikultajiet partikolari li l-SMEs iħabbtu wiċċhom magħhom biex ikollhom aċċess għall-finanzi jew minħabba r-riskju ogħla pperċepit li hu assoċjat ma' investimenti f'ċerti attivitajiet marbuta mal-għarfien bħalma huma l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija jew minħabba n-nuqqas ta' biżżejjed kapital ta' garanzija.

It-tieqa tal-mikrokreditu – għandha ttejjeg l-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex ikollhom irwol akbar fl-għoti ta' self ta' ammont iżgħar li normalment ikun jinvolti spejjeż ta' mmaniġġjar tal-unità li huma proporzjonament akbar għal dawk li jissellfu u m'għandhomx biżżejjed kapital ta' garanzija. Barra minn garanziji jew kontrogaranziji, l-intermedjarji finanzjarji jistgħu jirċievu għotjiet sabiex itaffu f'tit mill-ispejjeż amministrattivi kbar li jmorru mal-finanzjament ta' mikrokreditu.

It-tieqa tal-ekwitajiet u tal-kważi ekwitajiet – għandha tinkludi investimenti li jipprovdu l-finanzjament tal-kapital tal-bidu u/jew kapital fil-fażi ta' bidu, kif ukoll tan-nofs sabiex jitnaqqsu d-diffikultajiet partikolari li SMEs iħabbtu wiċċhom magħhom minħabba l-istruttura finanzjarja dgħajfa tagħhom, u dawk b'riżultat ta' trasferimenti tan-negozi.

It-tieqa tal-konferma dokumentata [titolizzazzjoni] – se timmobilizza l-finanzjament addizzjonali tal-SMEs permezz ta' dejn taħt arranġamenti xierqa ta' qsim tar-riskju mal-istituzzjonijiet identifikati. Is-sostenn għal dawk it-tranżazzjonijiet se jsir disponibbli fuq impenn ta' istituzzjonijiet minn fejn joriġina l-finanzjament li jagħtu parti sinifikanti tal-likwidità li jibqa' mill-kapital mobilizzat għal self ġdid lil SMEs f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

- 27.** Il-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP tistabbilixxi mira ta' prodott għall-għadd ta' SMEs mistennija li jgawdu fi ħdan l-orizzont ta' programm ta' seba' snin. Ma ġewx stabbiliti miri f'termini ta' riżultati jew impatt (għal aktar dettalji, ara l-paragrafu 64). Fil-valutazzjoni tal-impatt ingħata għadd stmat ta' impjegi diretti miżmuma jew maħluqa fi ħdan ħames snin. Dan m'għandu x'jaqsam direttament ma' ebda wieħed mill-obiettivi, iżda jista' jittieħed mill-istrateġija mġedda ta' Lisbona.

L-ISTABILIMENT TAL-ISTRUTTURA TAL-ĠESTJONI TAL-FAĊILITÀ SMEG: ID-DELEGAZZJONI TAL-ĠESTJONI TA' KULJUM LILL-FEI

- 28.** Il-bażi ta' delegazzjoni effiċjenti u effettiva hija l-qbil kuntrattwali li jagħti dettalji dwar id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-kompiti fdati f'idejn il-korp speċjalizzat. Dan il-qbil kuntrattwali għandu partikolarment jagħti dettalji dwar l-obbligi tal-korp speċjalizzat u jinkludi l-arranġamenti xierqa kollha biex ikun żgurat li se jintlaħqu l-obiettivi tal-politika²⁸.
- 29.** Il-FEI sistematikament żviluppa kompetenza fil-għoti ta' prodotti ta' inġinerija finanzjarja lill-SMEs fl-Ewropa. Intgħażel mill-Komunità Ewropea biex iħaddem il-ġestjoni ta' kuljum tal-faċilità SMEG meta din bdiet fl-1998. L-użu tal-FEI taħt il-programmi multiannwali suċċessivi (il-G&E, il-MAP imbagħad is-CIP) jimmira li jiżgura l-kontinwità meħtieġa tal-ġestjoni tal-faċilità SMEG.
- 30.** F'dan il-kuntest, il-Qorti eżaminat:
- jekk l-implimentazzjoni tal-faċilità SMEG kinitx qiegħda tiġi ppjanata b'mod effettiv biex jiġi evitat dewmien u biex jingħata sostenn bla waqfien lill-SMEs; u
 - jekk il-qafas regulatorju²⁹ li jiddefinixxi s-servizzi li għandhom jingħataw mill-FEI jiżgurax ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-faċilità.

²⁸ Skont l-Artikolu 43(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

²⁹ Għas-SMEG: il-Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni u l-linji gwida operazzjonali relatati (bħall-"Guidance on Enhanced Access to Finance" (Gwida dwar l-Access Imtejjeb għall-Finanzi)).


DEWMIEN FL-IPPJANAR TAL-FAĊILITÀ SMEG

- 31.** Meta wieħed iqis li l-MAP kopra l-perjodu mill-2001 sal-2006 u li s-CIP ikopri l-perjodu mill-2007 sal-2013, il-bidu tal-operazzjonijiet taħt is-CIP kien imissu għe ppjanat biex jippreżerva l-kontinwità tas-sostenn finanzjarju. L-FMA kien imissu kien fis-seħħ mill-anqas 11-il xahar (ara l-paragrafu 33) qabel il-bidu tas-CIP peress li dan kieku kien iħalli biżżejjed ħin għall-iffirmar tal-qbil ta' garanzija bejn il-FEI u l-intermedjarji finanzjarji.
- 32.** L-ewwel abbozz ta' verżjoni tal-FMA taħt is-CIP kien iġib id-data ta' Marzu 2006, iżda ma ġiex iffirmit qabel l-20 ta' Settembru 2007, kważi disa' xhur wara l-bidu tas-CIP. Minn hemm 'il quddiem, għaddiet kważi sena sa ma ġie ffirmit l-ewwel qbil ta' garanzija bejn il-FEI u intermedjarju finanzjarju³⁰ (ara l-**Istampa 2**).

³⁰ L-ewwel qbil ta' garanzija taħt is-CIP bejn intermedjarju finanzjarju u l-FEI ġie ffirmit fit-2 ta' Settembru 2008.

STAMPA 2

IL-PERJODU TA' ŻMIEN TAL-BAŻI LEGALI TAL-MAP U TAS-CIP



- 33.** Kien kważi 11-il xahar, il-perjodu medju minn meta intermedjarju jirċievi l-applikazzjoni għas-CIP sa meta l-ftehim jiġi ffirmat³¹. Barra minn hekk, il-perjodu ta' żmien għall-proċess ta' applikazzjoni tqies bħala mhux raġonevoli minn tmienja mill-21 li wieġbu għall-kwestjonarju tal-Qorti³². Dan id-dewmien fil-proċess ta' għażla kien ikkawżat prinċipalment mill-ħtieġa li jiġu solvuti kwistjonijiet tekniċi mqajma mill-FEI qabel l-implimentazzjoni tal-faċilità SMEG, bħall-qbil fuq definizzjoni u l-kejl tal-addizzjonalità tal-garanziji ta' self (ara l-paragrafu 84). Kollox ma' kollox, din wasslet għal diskrepanza sinifikanti fiż-żmien fit-tranżizzjoni tal-programmi suċċessivi.

SABIEX TIĠI PPREŻERVATA L-KONTINWITÀ TAS-SOSTENN ĠIET INTRODOTTA "KLAWŻOLA TA' RETROATTIVITÀ"

- 34.** Il-kontinwità tas-sostenn huwa importanti għall-intermedjarji finanzjarji peress li xi wħud mill-prodotti ta' self speċifiku introdotti kienu mfassla skont il-ħtiġijiet tal-faċilità SMEG. L-interruzzjoni tas-sostenn tal-UE għandha mnejn tikkawża telf akbar lill-intermedjarji finanzjarji jekk il-prodott inżamm mingħajr il-garanzija tal-UE.
- 35.** Il-"klawżola ta' retroattività" ġiet introdotta bil-ħsieb li titnaqqas għall-aħħar id-diskrepanza fiż-żmien bejn iż-żewġ programmi suċċessivi u li tiġi ppreżervata l-kontinwità bejn il-programmi MAP u CIP. Din il-klawżola ppermettiet lill-intermedjarji finanzjarji jinkludu self b'mod retroattiv biex dawn ikunu sostnuti mill-faċilità li kienu daħlu fiha bejn tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà taħt il-MAP u d-data li fiha ġie ffirmat il-qbil ta' garanzija tas-CIP.
- 36.** Bħala riżultat ta' dan, it-trattament ugwali tal-intermedjarji finanzjarji ma kienx żgurat peress li l-intermedjarji finanzjarji li kienu ħadu sehem fil-MAP gawdew trattament favurijom permezz tal-inklużjoni retroattiva ta' self. Is-self seta' jiġi inkluż b'mod retroattiv minn Settembru 2007, filwaqt li intermedjarji finanzjarji ġodda setgħu jinkludu biss is-self iadarba l-qbil ta' garanzija tagħhom mal-FEI³³ kien ġie ffirmat.

³¹ Ikkalkulat abbażi tad-disa' intermedjarji miżjura, l-għadd medju ta' jiem għall-ipproċessar ta' applikazzjoni b'suċċess taħt is-CIP kien 323.

³² Abbażi tal-kwestjonarju (Q6) mibgħut lill-IF kollha li applikaw taħt is-CIP.

³³ L-ewwel qbil ta' garanzija taħt is-CIP ġew iffirmati f'Settembru 2008.

- 37.** Għalkemm il-klawżola ta' retroattività tfasslet biex issolvi d-diskrepanza ta' finanzjament tal-intermedjarji finanzjarji bejn il-MAP u s-CIP, ma setgħetx dejjem twaqqaf l-isfaxxar tas-sostenn mill-UE lill-SMEs. Dan kien il-każ għal tnejn mid-disa' intermedjarji finanzjarji miżjura li għalihom il-perjodu ta' disponibbiltà taħt il-MAP intemm qabel il-bidu tal-perjodu ta' disponibbiltà tas-CIP (diskrepanza ta' erba' xhur).

³⁴ Skont l-Artikolu 53 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

ĠIE STABILIT QAFAS XIERAQ TA' ĠESTJONI BIEX IĦADDEM IL-FAĊILITÀ SMEG

- 38.** Il-faċilità SMEG taħdem taħt il-ġestjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-FEI³⁴. Biex jiżguraw delegazzjoni b'suċċess, l-FMA u l-linji gwida operazzjonali relatati għandhom jinkludu:
- o definizzjoni tal-azzjoni li għandha tiġi implimentata, bħall-oġettivi speċifiċi għal kull tieqa (ara l-**Kaxxa 1** għal deskrizzjoni tat-twieqi);
 - o l-istruttura tal-ġestjoni għall-implimentazzjoni tal-kompiti; u
 - o l-istabbiliment ta' struttura adegwata ta' onorarji għas-servizzi mogħtija mill-FEI.
- 39.** L-Artikolu 3 tal-FMA jistipula l-kompiti li l-FEI għandu jimplementa (ara l-**Kaxxa 2**):

KAXXA 2

IL-KOMPITI PRINĊIPALI TAL-FEI GĦALL-ĠESTJONI TAL-FAĊILITÀ SMEG:

- o L-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-għażla ta' intermedjarji finanzjarji;
- o Id-determinazzjoni tal-, u l-qbil mal-intermedjarji finanzjarji dwar in-natura u l-kundizzjonijiet fid-dettall tal-garanziji tal-UE;
- o Id-deċiżjonijiet għall-impenn ta' fondi; u
- o L-eżekuzzjoni, il-ġestjoni u t-temma tal-garanziji tal-UE (inklużi r-rappurtar u l-monitoraġġ).

- 40.** Għal kull tieqa tas-SMEG, ġew żviluppati linji gwida operazzjonali³⁵ b'dettalji dwar l-iskop speċifiku, l-għażla tal-intermedjarji, il-kriterji ta' eliġibbiltà, il-garanzija tal-UE u l-*modus operandi*. Il-Kummissjoni ħarġet Gwida dwar l-Access Imtejjeb għall-Finanzi fid-29 ta' Ottubru 2007 bħala supplement għal dawn il-linji gwida operazzjonali, partikolarment id-dispożizzjonijiet tal-FMA dwar l-istabbiliment tal-parametri tal-qbil ta' garanzija.
- 41.** L-istruttura tal-ġestjoni stabbilita għall-faċilità SMEG kienet xierqa peress li tejbet il-linji gwida operazzjonali u d-dispożizzjonijiet l-oħra għall-implimentazzjoni tal-kompiti meta mqabbla ma' dawk taħt il-MAP, peress li jkopru f'biżżejjed dettall il-kompiti kollha li għandhom jitwettqu.
- 42.** L-onorarji li għandhom jitħallsu lill-FEI għandhom ikunu kkal-kulati biex iqisu:
- il-prestazzjoni fl-ilħuq ta' miri speċifiċi;
 - it-tqassim ġeografiku fil-pajjiżi eliġibbli; u
 - il-grad ta' novità u kumplessità tal-istrument ta' garanzija.
- 43.** L-iskema tal-onorarji tal-FEI ttejbet taħt is-CIP meta mqabbla mal-MAP peress li:
- l-istruttura tal-onorarji nqasmet f'erba' komponenti distintivi li jirriflettu aħjar il-volum tax-xogħol assoċjat għal kull komputu; u
 - l-intitolament tal-onorarji huwa kkawżat mill-ilħuq ta' riżultati speċifiċi (ara t-**Tabella 3**).

³⁵ Il-Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni, l-Annessi 1A sa 1D.

TABELLA 3

ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ERBA' ONORARJI TA' INĊENTIV LI JIKKOSTITWIXXU R-REMUNERAZZJONI TAL-FEI

Tip ta' onorarju ta' inċentiv	Biex iħeġġeġ prinċipalment:
Onorarju tal-Bidu tan-Negozju	L-istabbiliment tal-programm fi ħdan 12-il xahar
Onorarju tal-Iffirmar	Il-kopertura ġeografika wiesgħa tal-programm u l-użu ta' twieqi speċifiċi
Onorarju tal-Implimentazzjoni	Il-volum addizzjonali miksub u l-operazzjonijiet ta' kuljum
Onorarju tal-Monitoraġġ	L-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba

Sors: L-Anness 13 tal-Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni.

- 44.** L-“onorarju tal-iffirmar” tal-FEI jagħti bonus speċifiku għal kopertura ġeografika wiesgħa ta’ intermedjarji. Barra minn hekk, jitħallsu onorarji biex jieħdu sehem intermedjarji f’pajjiżi li ma kinux koperti qabel u wkoll għal intermedjarji ġodda li ma ħadux sehem taħt il-programmi ta’ qabel.
- 45.** Minkejja l-onorarju ta’ inċentiv għall-użu ta’ twieqi speċifiċi, it-twieqi tal-garanziji ta’ ekwitajiet u ta’ kważi ekwitajiet kif ukoll dawk tal-konferma dokumentata [titolizzazzjoni] ma kinux intużaw sal-31 ta’ Diċembru 2009. Dan parzjalment minħabba l-kriżi finanzjarja li kellha impatt negattiv fuq is-suq tat-titolizzazzjoni kollu kemm hu.

L-GĦAŻLA TA’ INTERMEDJARJI FINANZJARJI

- 46.** Il-verifika vvalutat il-proċess ta’ għażla fir-rigward ta’ dan li ġej:
- jekk il-qafas li jiggwida lill-FEI dwar l-għażla ta’ intermedjarji finanzjarji kienx sħiħ u kienx jiżgura għażla ġusta u trasparenti;
 - jekk il-parametri ta’ qbil li jidderminaw il-punt safejn l-UE tinterveni kinux ġew stabbiliti b’mod korrett; u
 - jekk l-oġettivi tal-politika kinux ġew konvertiti b’mod korrett fil-qbil ta’ garanzija.

QAFAS TA’ GĦAŻLA MFASSAL SEW

- 47.** Il-proċess ta’ evalwazzjoni għandu japplika standards komuni għall-evalwazzjoni ta’ intermedjarji finanzjarji, sabiex tiġi żgurata għażla ġusta, strutturata u trasparenti. Il-FEI u l-Kummissjoni għandhom joħolqu u japplikaw standards minimi għall-għażla ta’ intermedjarji potenzjali.

48. Il-Kummissjoni tat lill-FEI³⁶ is-setgħa li tagħżel l-intermedjarji permezz tal-applikazzjoni tal-kriterji u tal-proċess ta' għażla deskritti fil-politiki ta' garanzija relevanti³⁷. Barra minn hekk il-politiki ta' garanzija jiddikjaraw li l-intermedjarji għandhom jintgħażlu skont l-aqwa prattika. Fil-**Kaxxa 3** tingħata ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' għażla tas-SMEG imwettaq mill-FEI.
49. Waqt id-definizzjoni tal-qafas tal-ġestjoni tal-faċilità, fl-FMA ġew stabbiliti l-kriterji li ġejjin għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji potenzjali³⁸:
- il-qagħda finanzjarja u l-kapaċità operazzjonali tal-intermedjarju u l-abilità tiegħu li jġesti r-riskju u li jikkonforma mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-faċilità SMEG;
 - jekk l-intermedjarju jiggarrantixxi finanzjament permezz ta' dejn u/jew mikrokreditu mogħti minn firxa wiesgħa ta' selliefa lill-SMEs;
 - il-kopertura ġeografika (it-tieqa tas-self biss);
 - il-possibbiltà li jingħata mentoring u sostenn fin-negozju (it-tieqa tal-mikrokreditu biss); u
 - l-aċċettazzjoni tal-kriterju ta' Aċċess Imtejjeb għall-Finanzi (ara l-paragrafu 54).

³⁶ Il-Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni, l-Artikolu 3.1.

³⁷ Il-Ftehim Fiduċjarju u ta' Ġestjoni fih erba' politiki ta' garanzija li għandhom x'jaqsmu mal-erba' twieqi speċifiċi tal-faċilità. Il-politiki ta' garanzija jiddeskrivu f'termini speċifiċi l-iskop tat-tieqa ta' bażi, il-proċess ta' għażla għall-intermedjarji, il-kriterji ta' eliġibbiltà, il-*modus operandi* rigward aċċess imtejjeb għall-finanzi, ir-rappurtar, il-monitoraġġ u l-verifika, il-promozzjoni u l-viżibbiltà.

³⁸ Kriterji li jikkorrispondu mat-twieqi tas-self u tal-mikrokreditu. Il-kriterji ta' għażla dwar it-twieqi tal-ekwità u tat-titolizzazzjoni ma ġewx eżaminati peress li dawn it-twieqi ma ntużawx sal-31 ta' Diċembru 2009.

IL-PROĊESS TA' GĦAŻLA TAL-FEI GĦALL-INTERMEDJARJI

- Analiżi tal-applikazzjonijiet tal-intermedjarji wara proċedura miftuħa għall-applikazzjonijiet
- Preselezzjoni tal-applikazzjonijiet – kontroll standardizzat fuq rekwiżiti formali
- Proċess ta' diliġenza xierqa (li jinkludi l-istabbiliment ta' parametri ta' garanzija)
- Opinjoni indipendenti tad-Dipartiment tal-Ġestjoni tar-Riskji tal-FEI
- Valutazzjoni mid-Dipartiment tal-Konformità tal-FEI
- Approvazzjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-FEI u mill-Kummissjoni Ewropea (Direttur ECFIN – L)

50. Il-Qorti tqis il-kriterji għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji bħala konformi mal-prattiki f'istituzzjonijiet finanzjarji komparabbli. Madankollu, la l-Kummissjoni u lanqas il-FEI ma stabbilixxew standards ta' punteġġ li magħhom l-applikazzjonijiet tal-intermedjarji setgħu kienu ġew ivvalutati, ikklassifikati u mqabbla skont il-grad ta' konformità tagħhom ma' dawk il-kriterji. In-nuqqas ta' preċiżjoni dwar il-kriterji ta' għażla ppermetta lill-FEI jeżerċita livell għoli ta' diskrezzjoni fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet.

M'HEMMX BIŻŻEJJED REKORDS BIEX JIĠĠUSTIFIKAW IL-PARAMETRI TAL-QBIL

51. Iż-żewġ parametri prinċipali tal-qbil ta' garanziji huma l-volum ta' referenza u r-rata ta' limitu tal-garanziji. Il-volum ta' referenza jirrappreżenta l-ammont ta' garanziji jew ta' finanzjament li l-intermedjarju jista' jkun *ragonevolmente mistenni li jikseb fin-nuqqas tal-garanzija tal-UE*³⁹. Il-volum ta' referenza sservi wkoll bħala bażi għall-komputazzjoni ta' parametri ta' qbil addizzjonali. Ir-rata ta' limitu tal-garanziji⁴⁰ tirreferi għall-ammont massimu ta' telf li għalih il-FEI huwa responsabbli taħt qbil ta' garanzija. Iż-żewġ parametri huma fatturi prinċipali peress li se jiddeterminaw:

- o jekk l-intervent tal-UE huwiex addizzjonali għal-livell eżistenti ta' attività tal-iskema ta' garanzija jew jekk sempliċiment jissostitwixxi; u
- o il-livell massimu ta' esponiment baġitarju li l-UE mistennija li tiffaċċja skont qbil speċifiku.

52. Skont l-FMA u skont il-Gwida dwar Access Imtejjeb għall-Finanzi, il-volumi, li jinkludu l-volum ta' referenza, huma determinati abbażi tal-fehma professjonali tal-FEI, abbażi ta' baġits ta' qabel u rati ta' telf jew tbassir (l-aktar għal skemi ta' garanzija pubblika) u billi jitqiesu l-kundizzjonijiet tas-suq u l-evoluzzjoni tagħhom matul iż-żmien.

³⁹ Il-Gwida dwar Access Imtejjeb għall-Finanzi, il-25 ta' Ottubru 2007.

⁴⁰ Ir-rata ta' limitu tal-garanziji hija rata miftehma minn qabel li fiha l-obbligazzjoni tal-FEI tingħata limitu taħt ftehim ta' garanzija. L-ammont tal-obbligazzjoni tal-FEI taħt qbil ta' garanzija (ammont ta' limitu tal-garanziji) jista' jkun ikkalkulat billi jiġi multiplikat il-volum tal-portafoll attwali bir-rata ta' garanziji u bir-rata ta' limitu tal-garanziji. Eż. volum tal-portafoll = 1 000; rata ta' garanziji = 50 %; rata ta' limitu tal-garanziji = 10 %. B'hekk, l-obbligazzjoni massima tal-FEI (il-limitu tal-garanziji) = 1 000 * x 50 % * x 10 % = 50.

- 53.** Instabu dgħufijiet fid-dokumentazzjoni tal-FEI dwar l-istabbiliment tal-parametri ta' qbil, li jinkludu l-volum ta' referenza u r-rata ta' limitu. Hemm inkluża biss taqsira tar-riżultati tal-pass ta' diliġenza xierqa f'talbet il-FEI għall-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi. Fl-istabbiliment ta' dawn il-parametri, il-FEI tiegħu bħala bażi l-informazzjoni mogħtija mill-intermedjarju finanzjarju. Ma nstabet l-ebda evidenza li l-FEI kien ivverifika din l-informazzjoni.

⁴¹ Id-Deċiżjoni CIP, l-Artikolu 19.

L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA MHUX DEFINITI GĦAL KOLLOX FIL-QBIL TA' GARANZIJI

- 54.** Kull qbil ta' garanzija għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika billi jispeċifika eżatt dak li għandu jintlaħaq. L-impenji ġenerali applikabbli għal kull intermedjarju fil-qbil ta' garanzija jinkludu prinċipji ta' aċċess imtejjeb għall-finanzi. Dawn il-prinċipji ġejjin mill-objettivi usa' deskritti fil-bażi legali⁴¹ u fl-FMA u jirriflettu dawn l-objettivi b'mod xieraq. Il-**Kaxxa 4** tippreżenta l-prinċipji applikabbli għat-tieqa tas-self.

KAXXA 4

PRINĊIPJI TA' AĊĊESS IMTEJJEB GĦALL-FINANZI SKONT IL-QBIL TA' GARANZIJA (IT-TIEQA TAS-SELF)

L-iskop ta' dan il-qbil huwa l-għoti ta' garanzija mill-FEI lill-intermedjarju biex ikopri parzjalment ir-riskju tal-portafoll tal-intermedjarju bil-ħsieb li:

- (i) jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi;
- (ii) jitnaqqsu d-diffikultajiet partikolari li l-SMEs iħabbtu wiċċhom magħhom biex ikollhom aċċess għall-finanzi, jew minħabba r-riskju oġġettiv u pperċeput li hu assoċjat ma' investiment f'ċerti attivitajiet marbuta mal-għarfien bħalma huma l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, jew minħabba n-nuqqas ta' biżżejjed kapital ta' garanzija; u
- (iii) li jiġi stimulat il-ħolqien ta' impjegi billi jiġu sostnuti l-SMEs bit-tkabbir u bil-ħolqien ta' impjegi.

- 55.** Minbarra dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali, termini speċifiċi ta' garanzija għall-intermedjarji finanzjarji jistgħu jinkludu aktar impenji kwalitattivi fir-rigward ta' aċċess imtejjeb għall-finanzi. Madankollu, xi wħud mit-termini ta' garanzija għall-intermedjarji huma inkonsistenti mal-oġettivi tas-CIP jew jagħtu ftit li xejn gwida operazzjonali. Pereżempju:
- o fir-rigward tan-nuqqas ta' aspeċt ta' kapital ta' garanzija nstab li għal intermedjarju wieħed minbarra li jikkonforma ma' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti ta' dan il-qbil l-intermedjarju għandu jimpenja ruħu biex jeħtieġ livell baxx ta' kapital ta' garanzija għal dak li għandu x'jaqsam ma' tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-intermedjarju. F'dan il-każ it-termini speċifiċi tal-qbil jikkonvertu l-kundizzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu man-nuqqas ta' kapital ta' garanzija f'rekwiżiti ta' kapital ta' garanzija. Madankollu, dan jippermetti *de facto* li l-SMEs kollha jgawdu mir-rekwiżiti mnaqqsa ta' kapital ta' garanzija u ma jiżgurax li l-SMEs biss effettivament ikunu nieqsa minn kapital ta' garanzija, u b'hekk ma jkunux jistgħu jissellfu skont it-termini kummerċjali tas-soltu, igawdu mill-faċilità; u
 - o it-termini speċifiċi tal-qbil iħallu diskrezzjoni wiesgħa fil-kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-innovazzjoni. L-istess qbil ta' garanzija ddikjara, mingħajr ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni oħra, li l-intermedjarju għandu jimpenja ruħu li jidħol għal tranżazzjonijiet intermedjarji ma' SMEs li nħolqu reċentement jew SMEs involuti fi proġetti innovattivi.

IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR TAL-PRESTAZZJONI

- 56.** Monitoraġġ u rappurtar effettivi jeħtieġu informazzjoni rilevanti, affidabbli u f'waqtha dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-politika u l-punt safejn qegħdin jintlaħqu l-oġettivi tal-politika.
- 57.** Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-faċilità SMEG jitwettaq kemm mill-Kummissjoni kif ukoll mill-FEI (ara l-**Anness II**). L-informazzjoni tgħaddi mill-SMEs (jiġifieri l-benefiċjarji finali) permezz ta' saff wieħed jew aktar (fil-każ ta' kogaranziji jew kontrogaranziji) ta' intermedjarji finanzjarji lill-FEI u fl-aħħar lill-Kummissjoni. L-intermedjarji finanzjarji jirrappurtaw lill-FEI fuq bażi ta' kull tliet xhur dwar il-faċilità SMEG. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-FEI iħejji rapporti konsolidati kull tliet xhur għall-Kummissjoni, li mbagħad tuża dawn ir-rapporti għar-rapporti ta' implimentazzjoni annwali dwar l-EIP u dwar is-CIP.

58. Il-Qorti eżaminat l-aspetti segwenti tal-monitoraġġ u tar-rappurtar tal-prestazzjoni:

- o jekk il-Kummissjoni stabbilitx sett ibbilanċjat ta' indikaturi tal-prestazzjoni biex jitkejjel b'mod affidabbli l-istatus tal-implimentazzjoni tal-politika; u
- o jekk ir-rekwiżiti tar-rappurtar humiex ċari u raġonevoli.

**ĠEW STABBILITI INDIKATORI TAL-PRESTAZZJONI,
IŻDA DAWN GĦANDHOM IKUNU AKTAR STABBILI
U BBILANĊJATI**

59. Il-prerekwiżit għal monitoraġġ effettiv (jiġifieri għall-kejl tal-progress tal-implimentazzjoni tal-faċilità SMEG) huwa d-definizzjoni ta' sett ta' indikaturi ċari u miri assoċjati. L-indikaturi għandhom ikunu relattivament stabbli sabiex bidliet matul iż-żmien jistgħu jkunu osservati u mqabbla.

60. L-indikaturi tal-prestazzjoni għas-SMEG għandhom jikkontribwixxu għal valutazzjoni tal-ilħuq tal-oġġettivi speċifiċi tal-programm kif stabbilit fil-bażi legali u fl-oġġettivi globali tal-politika tal-Unjoni Ewropea li minnhom ittiegħdu dawn l-oġġettivi.

61. Għas-SMEG il-Kummissjoni stabbilixxiet sitt indikaturi (ara t-**Tabella 4**).

62. Mill-erba' indikaturi (in-numri 2, 3, 5, u 6) inklużi fl-evalwazzjoni *ex-ante* u fil-Programm tax-Xogħol tal-EIP għall-2009, tnejn biss ġew miġjuba 'l quddiem (in-numri 2 u 3) għar-Rapport ta' Implimentazzjoni tal-EIP tal-Kummissjoni. Fil-Programm tax-Xogħol tal-EIP għall-2010, twaqqgħu żewġ indikaturi tal-bidu (in-numri 5 u 6) u ġew miżjuda żewġ indikaturi ġodda (in-numri 1 u 4). Dawn il-bidliet, li saru fl-2010, kienu reazzjoni għal studju dwar l-evalwazzjoni tal-indikaturi⁴².

⁴² L-Evalwazzjoni tal-Indikaturi tal-EIP, Frar 2010.

TABELLA 4

L-INDIKATORI SMEG STABILITI MILL-KUMMISSJONI

	L-indikaturi SMEG	L-indikaturi previsti fil-valutazzjoni tal-impatt <i>ex-ante</i> ¹	L-indikaturi fil-Programm tax-Xogħol tal-EIP għall-2009	L-indikaturi rrapportati fir-Rapport ta' Implimentazzjoni tal-EIP għall-2009	L-indikaturi fil-Programm tax-Xogħol tal-EIP għall-2010	It-tip ta' indikatur
1	Il-garanzija tal-impenn tal-KE lejn il-finanzjament permezz ta' dejn u l-finanzjament totali	n/a	n/a	EUR 111,8 miljun (ammont ta' limitu) li jggarantixxu volum ta' self at-twali ta' EUR 2 771	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Prodott
2	L-għadd ta' impjegati maħluqa jew miżmuma fl-SMEs li rċevew finanzjament ġdid	315 750 ²	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	L-għadd ta' impjegati fid-data tal-inklużjoni: 151 475	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Impatt
3	L-għadd ta' SMEs li rċevew finanzjament ġdid	315 750	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	47 791	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Prodott
4	L-għadd ta' SMEs sostnuti, ikklassifikat skont is-settur ta' attività	n/a	n/a	n/a ³	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Prodott
5	Il-bidla fil-volum ta' finanzjament tal-investment	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Mhux rrapportat	n/a	Riżultat
6	It-total tad-diżborż nett	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Iva, iżda l-ebda valur immirat ma ġie assenjat	Mhux irrappurtat	n/a	Prodott

¹ L-Anness għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007–13), SEC(2005) 433.

² Impjieg wieħed maħluq jew miżmum għal kull SME li rċeviet finanzjament ġdid. Il-Kummissjoni tqis li peress li *d-data* tal-inizjattiva tat-Tkabbir u l-Impjegi tindika li l-SMEs benefiċjarji ħolqu medja ta' 1.2 impjegati, għandu jintuża proporzjon aktar prudenti biex jitqies il-fatt li l-garanzija ta' mikrokreditu tikkorrispondi għal aktar minn 20 % tal-kumpaniji kollha milfuqa mis-SMEG u b'hekk, huwa mistenni li jinħolqu inqas impjegati minn dawn il-kumpaniji u għalhekk il-medja ġenerali titniżżel.

³ L-informazzjoni tinstab biss fir-rapporti tal-FEI ta' kull tliet xhur.

- 63.** Fl-evalwazzjoni *ex-ante* żewġ indikaturi biss (in-numri 2 u 3) kellhom valuri mmirati assenjati lilhom. Il-Programmi tax-Xogħol tal-EIP għall-2009 u l-2010 ma stabbilixxewx miri biex jintlaħqu mill-indikaturi fil-perjodu rispettiv. Fin-nuqqas ta' valuri mmirati, huwa diffiċli li wieħed jivvaluta jekk il-programm huwiex qiegħed jiżviluppa kif mistenni.
- 64.** Għalkemm il-Kummissjoni ppruvat toħloq sett ibbilanċjat ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu, li jinkludu indikaturi tal-prodott, tal-impatt u tar-riżultat, l-uniku indikatur tar-riżultat (in-numru 5) ma ġiex miġjub 'il quddiem u fl-aħħar twaqqa' mill-Kummissjoni. L-uniku indikatur tal-impatt (in-numru 2) huwa problematiku (ara l-paragrafi 67 u 68) u l-indikaturi kollha li kien fadal huma indikaturi tal-prodott. B'hekk, l-indikaturi saru aktar strument ta' ġestjoni operazzjonali milli indikatur biex ikejje l-impatt u s-suċċess tal-programm. Huwa diffiċli li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn il-ġbir tad-*data* b'mod ekonomiku u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni b'mod effettiv. L-evalwaturi tal-indikaturi tal-EIP issuġġerew sett ta' indikaturi bbilanċjati li jinkludu metodi għall-ġbir ta' *data* u twaqqit⁴³.
- 65.** Jekk għandhom jinkisbu konklużjonijiet bis-sens rigward il-kisbiet tal-programm SMEG, huwa essenzjali li d-*data* tal-monitoraġġ mogħti mill-intermedjarji finanzjarji għandha tkun affidabbli, jiġifieri preċiża u sħiħa.
- 66.** L-intermedjarji finanzjarji miżjura mill-Qorti kollha kemm huma kienu stabbilixxew proċeduri għall-ġbir tad-*data* meħtieġa għar-rappurtar lill-FEI. Il-kwalità tal-proċessi tar-rappurtar fil-livell tal-intermedjarju hija ċċekkjata matul iż-żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post mill-FEI.
- 67.** Il-ġbir tad-*data* li għandha x'taqsam mal-indikatur tal-“għadd ta' impjegji maħluqa” jippreżenta diffikultajiet għal xi intermedjarji finanzjarji. F'xi pajjiżi d-*data* tinkiseb minn istituzzjonijiet tal-gvern⁴⁴, xi intermedjarji finanzjarji ġabruhom fuq bażi ta' kampjuni⁴⁵, oħrajn għamlu kalkoli bl-użu ta' valuri mistennija⁴⁶ jew inkella l-intermedjarji finanzjarji ma aġġornawx id-*data* tal-impjegji kull sena peress li kien ikun wisq ta' piż⁴⁷. Peress li l-kwalità tad-*data* tal-impjegji tvarja minn pajjiż għal ieħor, meta jingħaddu jitqajjem tħassib dwar l-affidabbiltà tal-valur tal-indikatur rigward l-għadd ta' impjegji maħluqa (in-numru 2).

⁴³ Biex jitkejlu r-riżultati u l-impatti, ġew issuġġeriti bosta indikaturi, pereżempju l-kontribuzzjoni għall-prestazzjoni tal-benefiċjarji (it-*tkabbir ta' bejgħ*, il-*ħolqien/żamma ta' impjegji*, l-*iżvilupp ta' prodotti jew ta' servizzi* ġodda) jew it-total (jew il-medju) tat-*tkabbir fid-dħul tal-SMEs* ifffinanzjati.

⁴⁴ Pereżempju, intermedjarju fis-Slovenja kiseb id-*data* tal-impjegji mill-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali u tal-assigurazzjoni nazzjonali.

⁴⁵ Intermedjarju fi Spanja jiġbor l-informazzjoni kull sena mis-Soċjetajiet ta' Garanzija Reġjonali fuq bażi ta' kampjuni.

⁴⁶ Intermedjarju ieħor fi Spanja jikkalkola l-bidla fl-impjegji billi jqabbel dak li huwa mistenni meta ssir it-talba għal self, mal-impjegj proprju meta jsir il-kalkolu.

⁴⁷ Pereżempju, intermedjarju fl-Italja jiġbor biss dik id-*data* tal-impjegji meta ssir l-applikazzjoni tal-garanzija tal-bidu u ma jaġġornahomx aktar tard.

68. Problema oħra b'dan l-indikatur hija li l-valuri huma meħuda mill-għadd ta' persuni impjegati mill-SMEs sostnuti, li mhuwiex ekwivalenti għall-għadd ta' impjegi maħluqa jew miżmuma għand SMEs li rċevew finanzjament ġdid. Il-finanzjament il-ġdid li SME tirċievi mhuwiex l-uniku fattur li jwassal għaż-żamma jew għall-ħolqien ta' impjegi. M'hemm ebda analiżi ta' kif is-self garantit ikkontribwixxa għaż-żamma jew għall-ħolqien ta' impjegi.

**IR-RAPPURTAR TAR-REKWIŻITI HUMA ĊARI
U RAĠONEVOLI U XI INTERMEDJARJI FINANZJARJI BISS
IQISUHMOM BĦALA PIŻ**

69. L-intermedjarji finanzjarji għandu jkollhom rekwiżiti ċari tar-rappurtar sabiex tinġabar id-*data* għall-monitoraġġ u għar-rappurtar dwar il-programm SMEG. Il-ħin u r-riżorsi meħtieġa għall-kisba tal-informazzjoni meħtieġa għall-indikaturi m'għandhomx joħolqu piż amministrattiv bla meħtieġ.
70. L-intermedjarji finanzjarji huma meħtieġa jiġbru *data* varja dwar l-SMEs sostnuti u jirrappurtaw lill-FEI fuq bażi regolari (ara l-**Anness III**). Ir-rekwiżiti tar-rappurtar huma elenkati fil-qbil ta' garanzija bejn il-FEI u l-intermedjarju finanzjarju. Għal din il-fini, inħarġu linji gwida ċari⁴⁸ mill-FEI lill-intermedjarji finanzjarji rigward kif għandha ssir il-kompilazzjoni tad-*data* mitluba. Din id-dikjarazzjoni hija korroborata mill-fatt li 88 % mill-intermedjarji finanzjarji qablu li l-istruzzjonijiet operazzjonali mogħtija mill-FEI kienu ċari⁴⁹. Barra minn hekk, 98 % mill-intermedjarji finanzjarji ddikjaraw li l-FEI huwa dejjem lest jagħti aktar informazzjoni biex jiċċara kwistjonijiet operazzjonali⁵⁰.
71. Ir-riżultati tal-kwestjonarju tal-Qorti wrew ukoll li 20 % biss mill-intermedjarji finanzjarji li ħadu sehem taħt is-CIP u/jew il-MAP isibu r-rekwiżiti tar-rappurtar mhux raġonevoli⁵¹.

⁴⁸ Manwal għall-kompilazzjoni ta' rapporti taħt il-faċilità ta' garanzija għall-SMEs 2007–13 (CIP) – FEI.

⁴⁹ Abbażi ta' kwestjonarju (Q14), 36 minn 41 intermedjarju finanzjarju li wiegħbu għal din il-mistoqsija qablu li l-istruzzjonijiet operazzjonali mogħtija mill-FEI kienu ċari.

⁵⁰ Abbażi ta' kwestjonarju (Q15), 40 minn 41 intermedjarju finanzjarju li wiegħbu għal din il-mistoqsija qablu li l-FEI huwa dejjem lest jagħti spjegazzjonijiet matul it-tul tal-ħajja tal-garanzija.

⁵¹ Abbażi ta' kwestjonarju (Q16), 8 minn 42 intermedjarju finanzjarju li wiegħbu għal din il-mistoqsija ma qablux li r-rekwiżiti tar-rappurtar kienu raġonevoli.

- 72.** F'każijiet fejn il-ġbir ta' *data* permezz ta' intermedjarji finanzjarji jippreżenta ħafna diffikultajiet (pereżempju, id-*data* tal-impjiegi), metodi alternattivi ta' ġbir ta' informazzjoni setgħu jkunu aktar xierqa. Iż-żewġ rapporti, "Evaluation of the Indicators of the EIP" (L-Evalwazzjoni tal-Indikaturi tal-EIP) u l-"Interim evaluation of the EIP" (L-Evalwazzjoni interim tal-EIP), it-tnejn li huma ssuġġerew l-użu ta' sħarriġ fil-kuntest ta' evalwazzjoni.

IL-KISBIET TAL-FAĊILITÀ SMEG

- 73.** Din it-taqsimha tiddekrivi l-prodotti mwassla mill-faċilità SMEG. Il-prodotti huma analizzati b'relazżjoni mal-obiettivi tal-faċilità. Barra minn hekk, il-valur miżjud Ewropew tal-faċilità huwa eżaminat, partikolarment jekk l-obiettivi tal-faċilità jintlaħqux aħjar permezz ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Komunità milli fil-livell nazzjonali jew reġjonali.

IL-PRODOTTI TAL-FAĊILITÀ SMEG

- 74.** L-istrumenti finanzjarji tas-CIP għandhom itejbu "l-aċċess għall-finanzi għall-bidu u t-tkabbir ta' SMEs u investment f'attivitajiet ta' innovazzjoni⁵²". B'mod aktar speċifiku, il-faċilità SMEG taħt is-CIP tfittex li:
- o tilħaq 315 750 SME⁵³;
 - o tiggarrantixxi self li jiffinanzja investimenti innovattivi tal-SMEs⁵⁴ jew li jingħata lil SMEs li m'għandhomx biżżejjed kapital ta' garanzija; u għalhekk
 - o ittejjeb l-aċċess għall-finanzi meta s-suq ifalli.
- 75.** L-analiżi li ġejja kienet ibbażata fuq reviżjoni tal-kampjun tas-self magħżul mill-Qorti⁵⁵. Rigward investimenti f'ċerti attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-għarfien bħall-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija, issir referenza għall-Manwal ta' Oslo tal-OECD għall-kejl ta' attivitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi⁵⁶.

⁵² Id-Deċiżjoni CIP, l-Artikolu 10.

⁵³ L-Anness għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013), SEC(2005) 433.

⁵⁴ Relevanti biss għat-tieqa tas-self. Id-Deċiżjoni CIP, l-Artikolu 19.2, tirreferi għal "investment f'ċerti attivitajiet marbuta mal-għarfien bħalma huma l-iżvilupp teknoloġiku, l-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija".

⁵⁵ Intgħażel kampjun ta' 181 self mid-disa' intermedjarji finanzjarji miżjura. L-għadd ta' self magħżul għal kull intermedjarju rrifletta l-volum ta' garanzija miksub u kien limitat għal firxa ta' bejn 10 u 45.

⁵⁶ Il-Manwal ta' OSLO, Linji gwida proposti għall-ġbir u għall-interpretazzjoni ta' *data* ta' innovazzjoni teknoloġika, OECD, 1997, li hemm referenza għalih ukoll fil-premessa 8 li tippreċedi d-Deċiżjoni CIP u fil-linji gwida għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni Ewropea għall-2009 – SEC(2009) 92.

TISTA TINKISEB IL-MIRA ĠENERALI LI JINTLAĦQU 315 750 SME

- 76.** L-intermedjarji finanzjarji miżjura kollha kemm huma mmiraw biċ-ċar lejn l-SMEs u kollha kemm huma kellhom proċeduri fis-seħħ biex jivverifikaw l-istatus tal-SME ta' min kien qiegħed jissellef.
- 77.** Għal dak li jirrigwarda l-mira ġenerali li jintlaħqu 315 750 SME⁵⁷, il-Kummissjoni u l-FEI għamlu sforz b'suċċess biex jegħlbu l-konsegwenzi tad-dewmien tal-bidu (ara l-paragrafu 32) billi kkonċentraw fuq l-intermedjarji finanzjarji akbar. Fit-tliet snin mindu s-CIP daħal fis-seħħ, il-FEI ffirmat 25 ftehim ma' 21 intermedjarju finanzjarju (ara t-**Tabella 2**). Fi tmiem l-2009, it-total tal-ammont tal-limitu tal-garanziji⁵⁸ ta' dan il-qbil ta' garanzija kien ta' EUR 191,1 miljun, li jirrappreżenta 37,5 % tal-baġit ġenerali għall-faċilità SMEG. L-intermedjarji kienu taw self lil kważi 59 000 SME, li jirrappreżentaw 19 % tal-għadd immirat ta' SMEs. Meta jitqiesu r-riżultati mill-MAP, il-qbil ta' garanzija ffirmati jilħqu aktar minn nofs il-għadd immirat ta' SMEs (57,4 %) jekk jintlaħaq l-ammont tal-portafoll massimu għall kull wieħed minn dan il-qbil⁵⁹ (ara l-**Istampa 3**). Għalhekk, il-progress fl-implementazzjoni huwa biżżejjed biex wieħed jistenna li tinkiseb il-mira ġenerali li jintlaħqu 315 750 SME.


⁵⁷ Kif mogħti fil-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP, SEC(2005) 433.

⁵⁸ L-ammont tal-limitu jirrappreżenta l-livell massimu tal-ispejjeż għall-baġit tal-UE u se jimmaterializza biss jekk l-intermedjarju finanzjarju jilħaq l-ammont tal-portafoll massimu u jwettaq it-telf mistenni fuq il-portafoll tas-self.

⁵⁹ Pereżempju taħt il-MAP, tnejn biss minn 45 intermedjarju finanzjarju laħqu inqas minn 90 % tal-ammont tal-portafoll massimu.

STAMPA 3

IL-PRODOTTI TAL-FAĊILITÀ SMEG TAĦT IS-CIP FI TMIEM L-2009



¹ Ikkalkulat mill-Qorti bis-suppożizzjoni li jintlaħqu l-istess spejjeż medji lill-baġit tal-UE għall-ilħuq ta' SME waħda bħalma ġara fil-programm MAP (EUR 1 055) u li jintlaħaq l-istess ammont ta' portafoll massimu għall-qbil ta' garanzija eżistenti kollha.


Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

IL-FAĊILITÀ TILĦAQ L-SMEs NIEQSA MINN KAPITAL TA' GARANZIJA; IL-PROĠETTI INNOVATTIVI HUMA SKARSI

- 78.** Il-faċilità SMEG hija mfassla biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament permezz tad-dejn għal SMEs li għandhom proġetti vijabbli iżda li ma jirnexxilhomx jiksbu self mingħand selliefa kummerċjali. Din is-sitwazzjoni tista' tinħoloq jekk SME m'għandhiex biżżejjed kapital ta' garanzija biex tisso-disfa r-rekwiżiti ta' sellief kummerċjali. Inkella l-SME, jista' jiċċaħdilha l-aċċess għal finanzjament tas-self jekk is-selliefa kummerċjali mhumiex f'pożizzjoni jistmaw il-vijabbiltà tal-propożizzjoni tan-negozju, bħalma jista' jkun il-każ għal investimenti innovattivi. Aktar ma l-investment ikun ta' novità, anqas huwa probabbli li jingħata self.
- 79.** Abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Qorti, l-intermedjarji finanzjarji tas-CIP immiraw li jilħqu primarjament SMEs mingħajr biżżejjed kapital ta' garanzija, it-tieni nett mikrointrapriżi u mbagħad negozji li għadhom jibdedw. L-SMEs innovattivi jirrappreżentaw il-kategorija li hija l-inqas immirata. Filwaqt li 90 % mill-intermedjarji qablu mad-dikjarazzjoni li l-prodott tagħhom garantit mis-CIP kien immirat lejn klijenti li ma kellhomx biżżejjed kapital ta' garanzija, nofs l-intermedjarji biss bejn wieħed u ieħor qablu mad-dikjarazzjoni li l-prodott tagħhom garantit mis-CIP kien immirat lejn SMEs innovattivi (ara l-*Istampa 4*).

STAMPA 4

STĦARRIĠ TAL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI — L-SMES IMMIRATI MILL-PRODOTT TA' GARANZIJA/SELF



L-intermedjarji finanzjarji tas-CIP kellhom jindikaw fuq skala ta' 5 punti l-livell ta' kemm qablu ma' dawn l-erba' dikjarazzjonijiet. Il-perċentwal fil-grafika jindika l-porzjon ta' dawk li wiegħbu bħala li jew qablu jew inkella li qablu ħafna mad-dikjarazzjoni. L-għadd ta' tweġibiet mogħtija lil kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet kien iwarja kemxejn bejn 28 u 30 minn 31 intermedjarju finanzjarju li jew kienu qegħdin jieħdu sehem jew inkella li kellhom il-ħsieb li jieħdu sehem fis-CIP.

Sors: Il-kwestjonarju tal-QEA lill-intermedjarji finanzjarji.

- 80.** L-analiżi tal-kampjun tas-self juri li l-SMEs neqsin minn kapital ta' garanzija gawdew aktar ta' spiss milli SMEs li kienu qegħdin iwettqu investimenti innovattivi. Mill-181 self fil-kampjun, 77 self (43 %) ingħata lil SMEs li ma kellhomx biżżejjed kapital ta' garanzija biex ikollhom aċċess għall-finanzi permezz ta' self kummerċjali eżistenti. 22 self (12 %) biss intuża għall-finanzjament ta' proġetti li kellhom aspetti innovattivi (ara t-**Tabella 5**).
- 81.** Għalkemm l-investimenti innovattivi kienu rari, il-kampjun tas-self kien jinkludi xi investimenti innovattivi ħafna. Nofs il-proġetti innovattivi (11 minn 22) ġew iwwalutati bħala tipi ta' innovazzjoni li kienu ġodda fis-suq jew ġodda fid-dinja. Dawn il-proġetti mmiraw lejn il-ħolqien ta' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti, proċessi ta' produzzjoni jew metodi ta' twassil li kienu ġodda għall-anqas għas-suq operattiv tal-intrapriża. Għal eżempju ta' investiment bħal dan, ara l-**Kaxxa 5**. L-investimenti innovattivi li kien għad fadal setgħu jkunu deskritti bħala novità għall-intrapriża inkwistjoni biss, u kienu diġà qegħdin jiġu implimentati minn kumpaniji oħrajn li kienu qegħdin jikkompetu direttament ma' min kien qiegħed jissellef.

TABELLA 5

IR-RIŻULTATI TAL-ANALIŻI TAS-SELF F'TERMINI TAL-GĦADD TAS-SELF U L-PERĊENTWAL TAD-DAQS TAL-KAMPJUN

	SMEs li m'għandhomx biżżejjed kapital ta' garanzija ¹	SMEs b'biżżejjed kapital ta' garanzija	Nuqqas ta' kapital ta' garanzija mhux muri	Total
Self użat għall-finanzjament ta' investimenti innovattivi	7 4 %	12 7 %	3 2 %	22 12 %
Self użat għall-finanzjament ta' proġetti mingħajr element innovattiv	70 39 %	69 38 %	20 11 %	159 88 %
Total	77 43 %	81 45 %	23 13 %	181 100 %

¹ Fil-każijiet fejn l-intermedjarju finanzjarju ddefinixxa l-livell ta' biżżejjed kapital ta' garanzija jew inkella dan il-livell seta' jkun dedott b'mod impliċitu, dan ġie applikat biex jiddetermina s-"suffiċjenza" tal-kapital ta' garanzija. Fil-każijiet li kien baqa', SME tqieset li kellha biżżejjed kapital ta' garanzija jekk l-ammont ta' self ma kienx jaqbeż 70 % tal-valur tal-attivi li setgħu jitwettqu. Fil-kategorija tal-aħħar, fatturi oħrajn li żiedu l-profil tar-riskju tal-SME tqiesu wkoll (eż. self lil nies qiegħda) u bħala riżultat ta' dan, dawn l-SMEs tqiesu bħala "SMEs li m'għandhomx biżżejjed kapital ta' garanzija".

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

- 82.** Madankollu, għal 23 self ma setgħet issir l-ebda valutazzjoni dwar in-nuqqas irrappurtat ta' kapital ta' garanzija minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni għand l-intermedjarji finanzjarji.

L- INTERMEDJARJI FINANZJARJI JISTINKAW GĦAL VOLUMI TA' SELF ADDIZZJONALI, IŻDA SETGĦET INGĦATAT AKTAR ATTEZZJONI GĦAT-TELF NETT FIL-BENESSRI EKONOMIKA, IKKAWŻAT MILL-PROGRAMM

- 83.** Fl-iskemi ta' garanzija, jinħoloq telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm, jekk min jissellef ikun kiseb is-self minn selliefa kummerċjali mingħajr sostenn pubbliku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-effetti, bħall-ħolqien ta' impjegi, attività ekonomika jew ta' innovazzjoni, ikunu twettqu xorta waħda. Skemi ta' garanzija sostnuti pubblikament huma l-aktar effettivi meta l-investment iffinanzjat ma jkunx twettaq b'mod ieħor, u l-effetti mixtieqa ma jkunux twettqu.
- 84.** Biex tiżgura li l-faċilità SMEG tagħti aċċess addizzjonali għall-finanzi għall-SMEs, il-Kummissjoni żviluppat Gwida dwar l-Aċċess Imtejjeb għall-Finanzi. Din għandha l-għan li tiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jista' juża l-garanzija tal-portafoll biss wara li l-volum ta' self proprju jaqbeż il-volum ta' self li l-intermedjarju jkun kiseb mingħajr il-garanzija. Dan il-kunċett ta' addizzjonalità huwa ħafif biex jintuża u jista' jiddaħħal b'mod faċli fil-qbil ta' garanzija.

L-intraprenditur ma kellux biżżejjed kapital ta' garanzija biex jikseb self kummerċjali normali ta' EUR 40 000. Madankollu, fl-impjeg tiegħu preċedenti bħala riċerkatur huwa kien kiseb għarfien sinifikanti dwar il-produzzjoni tal-ħall. Għalhekk, huwa uża s-self garantit biex jibda kumpanija li tipproduċi ħall ta' kwalità għolja. Il-proċess ta' produzzjoni uża batterji kkoltivati b'mod speċifiku, li għamlu l-proċess ta' fermentazzjoni aktar stabbli. Il-ħall li rriżulta kellu togħma aħjar u kontenut ogħla taz-zokkor — kwalitajiet apprezzati mill-konsumaturi. Is-suq operattiv tal-kumpanija kien reġjonali u għalhekk ma kien hemm ebda kompetitur ieħor li kien qiegħed juża l-istess proċess ta' produzzjoni.

85. Madankollu, l-addizzjonalità ma tiżgurax li l-volum addizzjonali fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju huwa wkoll addizzjonali fil-livell tal-ekonomija. Fil-kuntest tal-faċilità SMEG, jitqies li jinħoloq telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm, jekk jingħataw garanziji għal self lil SMEs b'biżżejjed kapital ta' garanzija u mingħajr investimenti innovattivi. Madankollu, waqt li tingħata għajjnuna fuq bażi ta' portafoll, ċertu livell ta' telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm, huwa inevitabbli. L-analiżi tas-self wera telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm, f'aktar minn terz tas-self fil-kampjun (38 %, 69 minn 181, ara t-**Tabella 5**). Jekk l-affarijiet l-oħra jibqgħu l-istess, dawn li ssewfu setgħu kisbu s-self minn selliefa kummerċjali mingħajr il-garanzija tal-SMEs. Stħarriġ ta' min issellef taħt il-MAP, imwettaq mill-evalwatur interim, wera livell simili ta' telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm⁶⁰.

⁶⁰ Ir-riżultati tal-istħarriġ jindikaw li tnejn minn tliet kumpaniji ma kinux jidħlu għall-proġett kieku ma kellhomx is-self garantit, jew inkella jkunu għamlu inqas. Waħda biss minn tliet kumpaniji mistharriġa wiegħbet li, kieku, ikunu stabbilixxew in-negożju jew inkella daħlu għall-proġett saħansitra mingħajr is-self garantit.

IL-KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TA' SELF

86. Kull qbil ta' garanzija bejn il-FEI u l-intermedjarju finanzjarju fih klawżola standard li telenka l-prinċipji ta' aċċess imtejjeb għall-finanzi (ara l-paragrafu 54) għall-benefiċċju tal-SMEs li m'għandhomx kapital ta' garanzija jew investimenti innovattivi. Mhux dejjem hemm indikazzjoni ċara ta' kif l-intermedjarju finanzjarju bi ħsiebu jimmira lejhom. Xi intermedjarji finanzjarji użaw kundizzjonijiet speċifiċi ta' self biex jiġbdu SMEs bħal dawn, u b'hekk jitnaqqas it-telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm (ara l-**Kaxxa 6**).

KAXXA 6

IL-KUNDIZZJONIJIET TA' SELF BIEX JIĠBDU JEW SMES INNOVATTIVI JEW INKELLA SMES LI M'GĦANDHOMX BIŻŻEJJED KAPITAL TA' GARANZIJA

- Is-self garantit jista' jingħata biss lil negozji li għadhom jibdedu u lil SMEs maħluqa reċentement
- Livell massimu fuq l-ammont ta' self
- Għoti ta' benefiċċji mhux fil-għamla ta' flus lill-SMEs⁶¹ sabiex is-self garantit ma jkunx irħas mis-self mhux garantit
- Rati oġhla ta' garanzija għal investimenti li huma jew innovattivi jew inkella jikkostitwixxu novità sa ċertu punt

⁶¹ Bħal rekwiżiti ta' kapital żgħir ta' garanzija, deċiżjonijiet ta' kreditu aċċelerat u rati ta' mgħax fissi.

- 87.** Filwaqt li l-ewwel tliet kundizzjonijiet ta' self se jwasslu għal preferenza awtomatika għal dawk li jissellfu li huma nieqsa minn kapital ta' garanzija, l-aħħar kundizzjoni x'aktarx se żżid l-interess ta' SMEs innovattivi. In-nuqqas relattiv ta' kundizzjonijiet ta' self immirati lejn SMEs innovattivi jista' jispjega l-għadd żgħir ta' investimenti innovattivi misjub fil-kampjun (ara t-**Tabella 5**).

⁶² Il-Kummissjoni ħadet il-bażijiet legali tas-CIP mill-Artikoli 172, 173(3) u 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-verżjoni konsolidata wara t-Trattat ta' Lisbona).

⁶³ Id-Deċiżjoni CIP, il-premessa 62.

⁶⁴ COM(2005) 121 finali, 6.4.2005.

⁶⁵ SEC(2005) 433, 6.4.2005.

IL-VALUR MIŻJUD EWROPEW

- 88.** Peress li l-oqsma kollha koperti mis-CIP huma r-responsabbiltà maqsuma tal-Istati Membri u tal-Komunità⁶², il-faċilità SMEG trid tirrispetta wkoll il-prinċipju ta' sussidjarità stipulatata fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Azzjonijiet tal-UE li ma jaqgħux fi ħdan il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni, bħall-faċilità SMEG, għandhom isiru biss jekk, u sakemm, l-oġettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, jew minħabba l-iskala jew inkella minħabba l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE.
- 89.** Il-kunċett ta' sussidjarità huwa mtenni fi premessa li tippreċedi d-deċiżjoni CIP⁶³, fil-proposta CIP⁶⁴ u fl-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP⁶⁵. Essenzjalment, l-argumenti użati mill-Kummissjoni favur id-dimensjoni tal-UE tal-istrumenti finanzjarji jistgħu jiġu ggruppati taħt żewġ intestaturi:
- o l-iżgurar tal-koerenza fl-implimentazzjoni; u
 - o in-natura globali tal-kompetizzjoni u l-innovazzjoni.

IL-FAĊILITÀ SMEG JISTA' JKOLLHA BENEFIĊĊJI MDAQQSA GĦAL INTERMEDJARJU MHUX FIL-GĦAMLA TA' FLUS; MADANKOLLU MA JSIRUX SFORZI B'MOD ATTIV BIEX TINKISEB IL-KONSISTENZA TAL-IMPLIMENTAZZJONI

- 90.** Fid-dokumenti ta' tnejnija tagħha tas-CIP, il-Kummissjoni ġabet l-argument li d-dimensjoni Ewropea kieku tiżgura t-tixrid tal-prattika tajba fit-twassil ta' strumenti finanzjarji, li jinkludu l-faċilità SMEG. Għalkemm miżuri simili jeżistu f'xi Stati Membri, l-intervent tal-Komunità se jikkontribwixxi għall-konsistenza tal-implimentazzjoni.

- 91.** Instabu bosta każijiet li fihom kien kruċjali l-finanzjament mill-baġit tal-UE, mhux biss bħala kopertura parzjali tat-telf ta' kreditu, iżda wkoll għaliex ippermetta lill-intermedjarju jipprova jsib xi ħaġa ġdida. F'żewġ okkażjonijiet il-faċilità SMEG għenet fl-iżvilupp ta' prodotti ta' garanzija jew ta' self li kienu ġodda għall-intermedjarju. Għal wieħed minnhom, kellhom isiru sforzi multipli sakemm il-prodott kiseb biżżejjed rikonozzenza mill-banek selliefa u mill-klijenti. Wieħed jista' jassumi li l-prodott ma kienx jiġi żviluppat li kieku l-FEI u l-Kummissjoni ma kinux ikkollaboraw b'mod ripetut ma' dak l-intermedjarju. Barra dan, il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-UE tista' tgħin lill-intermedjarji finanzjarji privati iżgħar speċjalment biex jiksbu rikonozziment fost il-banek selliefa u/jew il-klijenti tagħhom.
- 92.** Dan huwa korroborat mir-riżultat tal-kwestjonarju mibgħut lill-intermedjarji finanzjarji. 6 minn 31 intermedjarju tas-CIP⁶⁶ żviluppaw prodott ġdid ta' self jew garanzija u 16 minn 31 biddlu b'mod sinifikanti l-prodotti eżistenti tagħhom biex jieħdu sehem fis-CIP.
- 93.** Il-faċilità SMEG iżżid il-viżibbiltà tas-sostenn tal-UE fost l-intermedjarji finanzjarji. Iż-żjarat tal-verifika wrew li l-għarfien dwar il-garanziji tal-UE fost l-SMEs ma kienx kbir ħafna. Madankollu, ma ġewx osservati sforzi b'imbottatura attiva biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-prattiki ta' intermedjarji differenti. Il-FEI sempliċiment jiġbor l-informazzjoni dwar il-prattiki tal-intermedjarji finanzjarji differenti, iżda ma jqajjimx dubju dwar dawn il-prattiki. Bħalma ntwera fil-każ ta' kundizzjonijiet ta' self (ara l-paragrafu 86), approċċ aktar attiv mill-FEI għandu mnejn itejjeb l-aċċettazzjoni tal-faċilità mill-SMEs li għandhom proġetti innovattivi jew li m'għandhomx biżżejjed kapital ta' garanzija.

IL-FAĊILITÀ SMEG IŻŻID IL-KOMPETITTIVITÀ TA' INTRAPRIŻI INDIVIDUALI; DAN MA JFISSIRX LI JITWASSAL IL-VALUR MIŻJUD TAL-UE

- 94.** Dan l-aspett tal-valur miżjud tal-UE għandu x'jaqsam direttament ma' wieħed mill-oġettivi globali tas-CIP: "li jrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi, b'mod partikolari tal-SMEs"⁶⁷. Fid-dokumenti ta' tnejn, il-Kummissjoni gābet l-argument li l-kompetizzjoni li kumpaniji Ewropej iħabbtu wiċċhom magħha hija dejjem aktar globali u l-innovazzjoni titqies bħala fenomenu globali li ma jkollux suċċess u li huma insostenibbli f'ambjent magħluq.

⁶⁶ Intermedjarji li jieħdu sehem jew jippjanaw li jieħdu sehem taħt is-CIP.

⁶⁷ Id-Deċiżjoni CIP, l-Artikolu 2.

- 95.** L-analiżi tas-self uriet li l-faċilità SMEG tassew tgħin lill-intrapriżi individuali jżidu l-kompetittività tagħhom. Instab li 74 minn 181 self (41 %) intużaw direttament biex iżidu l-kompetittività tal-intrapriża⁶⁸. Il-faċilità SMEG twasal ħaqqa riżultati oħra ta' valur għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħolqien ta' ambjent aktar kompetittiv. Hija tippermetti li jitfaċċaw negozji li għadhom jibded — prinċipalment fis-settur tas-servizzi. Mill-181 self fil-kampjun, 26 self (14 %) intużaw biex jinbeda negozju ġdid u 15-il self (8 %) intużaw biex jiffinanzjaw espansjonijiet ta' wara l-bidu tan-negozju⁶⁹. Tgħin ukoll fiż-żamma ta' kuntest kompetittiv li jippermetti lill-individwi jsiru intraprendituri billi jixtru SME eżistenti (47 self, 26 %).
- 96.** Madankollu, il-valur miżjud tal-UE ta' dawn ir-riżultati mhux konklużiv peress li l-istess effetti jistgħu jinkisbu b'finanzjament minn baġits nazzjonali. Pereżempju, il-Kummissjoni⁷⁰ tagħti tliet suġġerimenti dwar kif politika tal-UE jista' jkollha impatt fuq il-kompetittività fil-livell tal-UE⁷¹. Il-politika tal-UE għandha mnejn:
- ikollha impatt fuq il-pożizzjoni kompetittiva ta' kumpaniji tal-UE meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom li mhumiex tal-UE;
 - tistimula flussi ta' investiment li jaqsmu l-fruntieri, inkluża r-rilokazzjoni ta' attivitá ekonomika; jew
 - tkun meħtieġa li tikkoreġi eżiti mhux mixtieqa tal-proċessi tas-suq fi swieq Ewropej.
- 97.** L-ebda wieħed minn dawn l-effetti ma ġie osservat matul il-verifika. L-analiżi tas-self ikkonfermat li l-biċċa l-kbira tal-SMEs qegħdin joperaw fi swieq lokali, reġjonali jew nazzjonali. 19 minn 181 self (10 %) ingħataw lil SMEs li kellhom xi attivitá li taqsm il-fruntieri u 13-il self (7 %) intużaw għal investimenti li kellhom element sinifikanti ta' qsim tal-fruntieri⁷². Is-skarritá ta' attivitájiet li jaqsmu l-fruntieri mhijiex sorprendenti meta jitqiesu t-tipi ta' negozji tal-SMEs fil-kampjun (għal ħaqqa ġenerali, ara l-**Istampa 5**): 17-il ristoranti, 8 xufiera tat-taksi, 41 ħanut zġħir ta' bejgħ bl-imnut (ħanut tal-forn, ħanut tal-laħam, ħanut tal-gazzetti jew supermarket) jew 17-il bniedem tas-sengħa (mastrudaxxa, elettriċista, bennej jew saqqaf). Fid-dawl ta' dawn l-eżempji ta' dawk li jissellfu, li n-negozji tagħhom is-soltu jkunu lokali, il-ħtieġa għal intervent tal-UE ma tintweriex biżżejjed.

⁶⁸ Il-kompetittività tal-intrapriża tqieset li tkun żdiedet jekk il-pjan tan-negozju kien jinkludi informazzjoni li l-investment kieku jew:

- iżid il-kapaċitá ta' produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi tal-intrapriża; jew inkella jagħmilha aktar effiċjenti;
- iżid sehemha fis-suq;
- iżid l-espertazzjonijiet tagħha;
- iżid il-prestazzjoni/taħriġ tal-persunal tagħha;
- iwassal għal użu aktar produttiv tat-teknoloġija tal-informazzjoni; jew
- itejjeb il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi tagħha.

In-negozji li għadhom jibded tqiesu separatament bħala li dejjem żiedu l-kuntest kompetittiv.

⁶⁹ Espansjoni ta' wara l-bidu ta' negozju tisser espansjoni tan-negozju fi ħdan tliet snin wara l-bidu tiegħu.

⁷⁰ Id-Dokument tal-Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Impact Assessment: Next Steps – In support of competitiveness and sustainable development", (Valutazzjoni tal-Impatt: Il-Passi li Jmiss – Insostnu l-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli) SEC(2004) 1377.

⁷¹ Imsemmijin ukoll f'SEC(2005) 791.


⁷² L-element ta' qsim tal-fruntieri tqies sinifikanti jekk il-mira tal-investment kienet iż-żieda ta' produzzjoni f'pajjiżi barranin, l-espansjoni fi swieq barranin jew il-ħolqien ta' relazzjonijiet ġodda ta' negozju ma' kontropartijiet barranin (eż. fornituri).

98. Tabilħaqq, l-iskala tal-ftehimiet ta' garanzija individwali ma tmurx lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Essenzjalment il-faċilità SMEG topera b'hal sett ta' skemi ta' garanzija nazzjonali, għaliex hemm differenzi sinifikanti bejn is-swieq tad-dejn nazzjonali⁷³. Dawn id-differenzi huma kkawżati minn restrizzjonijiet kulturali kif ukoll legali u tant huma sinifikanti li s-swieq tad-dejn jistgħu jitqiesu purament nazzjonali.

⁷³ Innutat ukoll pereżempju mill-BĊE, "The financing of Small and Medium-Sized Enterprises in the Euro area" (Il-finanzjament ta' Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju fiż-żona tal-Euro), Buletin tal-BĊE ta' kull xhar, Awwissu 2007, p. 77.

STAMPA 5

ANALIŻI TA' SELF — IT-TIP TA' NEGOZZI



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

IT-TFASSIL TAL-FAĊILITÀ SMEG

- 99.** Għalkemm l-ebda loġika ta' intervent ma ngħatat fid-dokumenti ta' tnejn tas-CIP għall-faċilità SMEG, tista' tinstab loġika ta' intervent fid-dokumenti ta' tnejn differenti tad-Deċiżjoni CIP. Madankollu, ma hemm l-ebda rabta kunċettwali bejn il-problema inkwistjoni u r-riżultati u l-impatti mistennija kif ippreżentati qabel il-bidu tal-intervent. Għalkemm l-objettivi huma aktar preċiżi issa milli taħt il-programm tal-MAP preċedenti, huma biss speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu u f'waqthom b'relazzjoni mal-prodotti mistennija.

IR-RAKKOMANDEZZJONI 1

Programmi futuri ta' sostenn tal-SMEs għandhom ikunu bbażati fuq loġika ta' intervent espliċita li torbot ir-riżorsi mal-prodotti, mar-riżultati u mal-impatti mistennija.

L-ISTABILIMENT TAL-ISTRUTTURA TAL-ĠESTJONI

- 100.** Ġeneralment għe stabbilit qafas xieraq għall-ġestjoni tal-faċilità SMEG. L-istruttura tal-onorarji ttejjbet meta mqabbla mal-MAP billi għew miżjuda inċentivi ġenerati mill-prestazzjoni. Madankollu, dewmien fl-ippjanar tal-faċilità impedixxa l-allokazzjoni effettiva tal-baġit matul l-ewwel sena u kkawża interruzzjoni tas-sostenn għal xi intermedjarji finanzjarji.

IR-RAKKOMANDEZZJONI 2

Għall-iskop tal-ippjanar ta' kull fasilitas sussegwenti, il-Qorti tirrakkomanda l-finalizzazzjoni tal-bażi legali u tal-qbil tal-ġestjoni ħafna qabel il-bidu effettiv tal-perjodu tal-ipprogrammar sabiex ikun hemm ħin għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji adegwati u sabiex jitlestew negozjati ta' kuntratti magħhom sal-bidu effettiv tal-perjodu tal-ipprogrammar, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal kwalunkwe klawżola ta' retroattività fil-ġejjieni.

L-GĦAŻLA TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI

- 101.** Il-Kummissjoni fasslet proċeduri xierqa għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji. Madankollu ma ġie stabbilit l-ebda standard ta' punteġġ għall-klassifikazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-intermedjarji potenzjali differenti u ma ġie definit l-ebda rekwiżit minimu għall-kriterji ta' għażla differenti. Instabu dgħufijiet fid-dokumentazzjoni tal-parametri li stabbi- lixxew il-qbil ta' garanzija mal-intermedjarji finanzjarji.

IR-RAKKOMANDAZZJONI 3

Biex tittejjeb it-trasparenza tal-għażla, għal kull programm suċċessur għandha titpoġġa fis-seħħ sistema ta' punteġġ għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet ta' intermedjarji potenzjali. Għandhom ikunu definiti r-rekwiżiti minimi għall-għażla ta' intermedjarji finanzjarji. Il-kalkolu tal-parametri fil-qbil ta' garanzija għandu jkun dokumentat f'aktar dettall.

IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPURTAR TAL-PRESTAZZJONI

- 102.** Ġew stabbiliti biżżejjed indikaturi tal-prodott li ntużaw għar-rappurtar fuq l-implimentazzjoni tas-SMEG. Id-*data* għall-uniku indikatur tal-impatt li jirreferi għall-"għadd ta' impjegi maħluqa" hija diffiċli tinġabar u, minħabba metodi ta' kalkolu li jvarjaw, ma tistax titqabbel bejn il-pajjiżi. Ir-rekwiżiti tar-rappurtar huma ċari u mhux meqjusa bħala piż mill-biċċa l-kbira tal-intermedjarji finanzjarji li qegħdin jieħdu sehem fis-SMEG.

IR-RAKKOMANDAZZJONI 4

Il-Kummissjoni għandha tqis l-ambitu għall-ħolqien ta' indikaturi tal-prestazzjoni addizzjonali jew aħjar sabiex isir monitoraġġ aħjar tal-ilħuq tal-obiettivi tal-faċilità u jsiru konklużjonijiet xierqa.

IL-KISBIET TAL-FAĊILITÀ SMEG

- 103.** X'aktarx li tintlaħaq l-unika mira kwantifikata, dik tal-ilħuq ta' 315 750 SME. L-analiżi tal-Qorti tal-kampjun ta' self uriet li inqas minn nofs is-self (43 %) ingħata lil SMEs li ma kellhomx biżżejjed kapital ta' garanzija u 12 % biss użaw is-self għal strumenti innovattivi. L-analiżi tas-self żvelat telf nett ta' 38 % fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm, jiġifieri self li sar lil SMEs li kellhom biżżejjed kapital ta' garanzija u li ma użawhx għall-innovazzjoni.

IR-RAKKOMANDAZZJONI 5

Fil-ġejjieni l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi miri aktar speċifiċi li jirriflettu aħjar l-oġettivi tal-istrument finanzjarju. Matul it-tul tal-ħajja tal-istrument il-monitoraġġ għandu jkejjel il-progress lejn l-ilħuq ta' miri bħal dawn, u azzjoni ta' rimedju għandha titħalla ssir kif meħtieġ. Għandhom jiġu previsti miżuri xierqa biex jitnaqqas it-telf nett fil-benessri ekonomika, ikkawżat mill-programm, kemm jista' jkun, bl-użu fost l-oħrajn tal-aqwa Prattiki diġà fis-seħħ għand ċerti intermedjarji.

- 104.** Il-faċilità SMEG ippermettiet lil xi intermedjarji finanzjarji jiżviluppaw u joffru prodotti ġodda ta' self jew ta' garanzija, iżda ma saret l-ebda identifikazzjoni attiva u tixrid ta' Prattiki tajbin. Il-valur miżjud tal-UE tas-SMEG ma jintweriex peress li r-riżultati mis-SMEG għandhom mnejn inkisbu wkoll permezz ta' finanzjament taħt skemi nazzjonali. Ma ġewx osservati investimenti sinifikanti li jaqsmu l-fruntieri jew effetti tas-self tas-SMEG.

IR-RAKKOMANDAZZJONI 6

Bħalma l-Qorti enfasizzat fil-passat, in-nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandha toffri benefiċċji ċari u viżibbli għall-UE u għaċ-ċittadini tagħha li ma jistgħux jinkisbu bl-infiq fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali biss.⁷⁴ Għalhekk l-Awtoritajiet tal-baġit u l-Kummissjoni għandhom iqisu kif il-valur miżjud tal-UE jista' jiżdied sal-ogħla livell fi kwalunkwe suċċessur għall-faċilità SMEG.

⁷⁴ "Rispons mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nirriformaw il-Baġit, Nibdlu l-Ewropa" (il-paragrafi 7 sa 9), u l-Opinjoni 1/2010 "It-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-Unjoni Ewropea: Riskji u sfidi" (il-paragrafi 18 u 19).


Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Iġors LUDBORŽS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-22 ta' Marzu 2011.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ISTRUTTURA TAS-CIP SAL-FAĊILITÀ TA' GARANZIJA GĦALL-SMES



IL-MONITORAĠĠ MILL-KUMMISSJONI U MILL-FEI

1. Il-Kummissjoni twettaq:

- Il-Monitoraġġ tal-FEI biex tiġi vvalutata l-ġestjoni tal-faċilità SMEG. Dan jinkludi reviżjoni tal-:
 - kontrolli tal-FEI fuq l-inklużjoni ta' self fil-portafoll;
 - is-sejħiet ta' garanzija; u
 - is-sejbiet tal-FEI matul iż-żjarat tiegħu fuq il-post lill-intermedjarji finanzjarji.
- Il-Monitoraġġ tal-intermedjarji finanzjarji u tal-SMEs. Dan jinkludi:
 - Żjarat lill-intermedjarji finanzjarji. Iż-żjarat jinkludu reviżjoni tas-sistemi fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Ittra ta' Garanzija u l-FMA; reviżjoni tal-progress ta' implimentazzjoni tal-faċilità mill-intermedjarji finanzjarji; reviżjoni tas-sistemi li ddaħħlu fis-seħħ mill-intermedjarji finanzjarji biex jimplimentaw il-faċilità; kontroll tal-konformità ta' kampjun ta' self jew garanziji tal-SMEs (tranżazzjonijiet);
 - Żjarat lill-SMEs; u
 - Stħarriġ dwar l-impjeggi tas-SMEG, li l-iskop tiegħu huwa l-kontroll tal-konformità mar-rekwiżiti skont l-FMA.
- Kompiti oħrajn ta' monitoraġġ bħal reviżjoni tal-onorarju tal-FEI ta' kull tliet xhur.

2. Il-FEI jiċċekkja prinċipalment:

- Id-*data* miġbura mill-intermedjarji finanzjarji bl-użu ta' testijiet tal-plawsibbiltà;
- Permezz ta' żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post lill-intermedjarji finanzjarji:
 - il-kwalità tal-proċess tar-rappurtar;
 - il-proċessi ta' pagament tal-garanziji u ta' rkupru; u
 - il-proċess relatat mal-verifikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-inklużjoni ta' self fil-portafoll.
- It-talba għall-pagament mill-intermedjarji finanzjarji permezz ta' kontroll reċiproku tal-konsistenza tad-*data* rrapportata mill-intermedjarji finanzjarji matul ir-rappurtar tiegħu ta' kull tliet xhur u l-informazzjoni mogħtija fit-talba għall-pagament. Abbażi ta' kampjun, jitwettqu testijiet sostantivi addizzjonali bl-użu ta' dokumenti ta' sostenn mogħtija mill-intermedjarji finanzjarji biex tiġi żgurata l-validità tal-finanzjament tal-inadempjenza tas-self.

IR-RAPPURTAR MILL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI LILL-FEI

Ir-rappurtar tal-intermedjarji finanzjarji¹ lill-FEI huwa strutturat kif ġej:

- Il-Parti A għandha x'taqsam ma' operazzjonijiet ġodda (ir-rappurtar ta' kull tliet xhur):
 - Dawk li jissellfu — in-numru tal-identifikazzjoni fiskali tal-kumpanija, l-isem, l-indirizz, il-kodiċi postali, il-post, ir-reġjun, il-pajjiż, id-*data* tal-istabbiliment, is-settur ekonomiku, l-istatus legali, l-għadd kurrenti ta' impjegati, kummenti; u
 - Self — in-numru tal-identifikazzjoni fiskali tal-kumpanija, ir-referenza tas-self, il-munita, l-iskop ta' finanzjament, l-ammont ta' investment, l-attivi tanġibbli, l-attivi intanġibbli, il-kapital li jdur, l-ammont ta' self, il-maturità tas-self, il-perjodu ta' grazzja, id-*data* tal-iffirmar tas-self, id-*data* tal-ewwel ħlas tal-ammont tas-self lil min qiegħed jissellef, kummenti.
- Il-Parti B għandha x'taqsam mal-lista ta' informazzjoni inkluża (ir-rappurtar ta' kull tliet xhur):
 - in-numru tal-identifikazzjoni fiskali tal-kumpanija, ir-referenza tas-self, il-munita, il-pagament lura totali ta' self li jnaqqas l-ammont ta' self pendenti, l-ammont ta' self finali pendenti, tmiem il-perjodu ta' ħlas.
- Il-Parti C għandha x'taqsam mas-sejħiet ta' garanzija (ir-rappurtar ta' kull tliet xhur):
 - in-numru tal-identifikazzjoni fiskali tal-kumpanija, ir-referenza tas-self, id-*data* meta seħħet l-inadempjenza, il-munita, l-ammont ta' inadempjenza, l-ammont ta' rkupri, l-imgħax dovut, it-telf.
- Il-Parti D għandha x'taqsam mas-self li tħallas lura għalkollox (ir-rappurtar ta' kull tliet xhur):
 - in-numru tal-identifikazzjoni fiskali tal-kumpanija, ir-referenza tas-self, id-*data* tal-pagament lura.
- Il-Parti E għandha x'taqsam ma' self ikkanċellat (ir-rappurtar ta' kull tliet xhur):
 - in-numru tal-identifikazzjoni fiskali tal-kumpanija, ir-referenza tas-self, it-tip ta' kanċellazzjoni.
- Il-Parti F għandha x'taqsam ma' modifiki (ir-rappurtar ta' kull tliet xhur).
- Il-Parti G għandha x'taqsam mar-rapport tal-impjegati (ir-rappurtar ta' kull sena).

¹ Din it-taqsisra hija bbażata fuq id-dokument tal-FEI "Manual for compiling reports under the SMEG Facility 2007–13" (Manwal għall-kompilazzjoni ta' rapporti taħt il-Faċilità SMEG 2007–13).

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

III.

L-SMEG taħt il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) inbena fuq esperjenza estensiva mill-Programm Multiannwali għall-Intrapriża u l-Intraprenditorjat (MAP), ivvalidat minn evalwaturi esterni li rrakkomandaw il-kontinwazzjoni tal-programm bid-diversità tal-istrumenti tiegħu. Ma kienx għalhekk ikkunsidrat meħtieġ, la mill-Kummissjoni u lanqas mill-Awtorità tal-Baġit, li tiġi ddikjarata b'mod espliċitu l-loġika tal-intervent, ladarba garanziji tas-self huma aċċettati bħala mod effettiv u effiċjenti ħafna kif jiġu indirizzati l-oġettivi tal-politika.

M'hemmx dubju li l-aħjar prattiki għall-Valutazzjonijiet tal-Impatt Estiżi evolwew miż-żmien meta l-Valutazzjoni tal-Impatt Estiż tas-CIP twettaq, fl-2005. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jirsistu sabiex japplikaw standards oġhla u sabiex jindirizzaw it-tħassib tal-Qorti fit-tnejn ta' kwalunkwe suċċessur għall-SMEG.

Il-Kummissjoni hija konxja għal kollox tal-benefiċċju ta' indikaturi ċari u sinifikanti u fl-2009 ikkummissjonat evalwazzjoni sabiex jiġu riveduti l-indikaturi. Il-proposti magħmula — abbażi ta' reviżjoni dettaljata tal-loġika tal-intervent — diġà ġew implimentati u jikkostitwixxu titjib li għandu jindirizza xi wħud mit-tħassib tal-Qorti.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

IV.

Il-Kummissjoni tilqa' l-evalwazzjoni pożittiva tal-Qorti tal-ġestjoni ta' operazzjonijiet ta' kuljum.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll jekk ikunx xieraq għall-FEI li juża sistema ta' punti sabiex jiġi definit livell minimu ta' punti.

Madankollu, fil-proċess ta' preselezzjoni tal-valutazzjoni ta' applikazzjoni, l-FEI jirrikjedi li l-Intermedjarji jissodisfaw standards minimi fir-rigward tas-suffiċjenza tal-informazzjoni provduta.

VI.

Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Qorti li n-numru fil-mira ta' SMEs li jrid jintlaħaq jista' jinkiseb.

"Telf nett" m'għandux jidher bħala sinonimu ma' allokkazzjoni baġitarja ineffiċjenti.

Il-garanziji tal-SMEG jiġu provduti fuq bażi ta' portafoll, għall-kuntrarju tal-garanzija ta' self b'self.

Il-programm tas-CIP qed jindirizza kwistjonijiet potenzjali ta' telf nett fid-disinn tiegħu billi jirrikjedi li intermedjarju jagħmel iżjed milli kieku jagħmel mingħajr il-garanzija tas-CIP, minħabba li l-garanzija hija fuq kundizzjoni li l-intermedjarju jaqbeż il-volum ta' referenza. Dan tal-aħħar jiġi definit bħala l-volum stmat ta' finanzjament li l-intermedjarju jipprovdi fin-nuqqas tal-garanzija tas-CIP. Minkejja dan il-Kummissjoni taqbel li miżuri xierqa sabiex jiġi minimizzat it-telf nett (ara l-punt VII hawn taħt) għandhom jiġu previsti fi kwalunkwe programm suċċessiv.

Il-Kummissjoni tiegħu nota taċ-ċifri tal-Qorti. Skont intervisti riċenti bit-telefown ta' beneficijarji tal-SMEG, imwettqa fil-kuntest tal-evalwazzjoni kontinwa tal-EIP, il-persentaġġ ta' dawk li innovaw huwa ogħla b'mod sinifikanti.

Il-Kummissjoni temmen li hemm preżunzjoni serja favur il-preżenza tal-valur miżjud tal-UE, kif osservat mill-evalwazzjoni indipendenti tal-SMEG taħt il-MAP (evalwazzjoni finali). Din il-preżunzjoni ġiet aċċettata wkoll mill-Awtorità tal-Baġit u kkonfermata mill-adozzjoni tagħha tal-bażi legali.

VII.

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li fi kwalunkwe intervent simili fil-futur il-valur miżjud tal-UE għandu jilħaq il-massimu tiegħu. Dan diġà qed jitqies fid-diskussjonijiet u l-ippjanar għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali wara l-2013, fejn "l-iżgurar tal-valur miżjud tal-UE" huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin li jridu jiġu rrispettati mill-istrumenti kollha proposti.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

IS-SEJBIET TAL-VERIFIKA

17.

L-SMEG taħt is-CIP bena fuq esperjenza estensiva minn programm preċedenti (MAP), ivalidat minn evalwaturi esterni li rrakkomandaw il-kontinwazzjoni tal-programm bid-diversità tal-istrumenti tiegħu minbarra l-perjodu tas-self tal-ICT li ngħalaq. Ma kienx ikkunsidrat meħtieġ, la mill-Kummissjoni u lanqas mill-Awtorità tal-Baġit, li tiġi ddikjarata b'mod espliċitu l-loġika tal-intervent, ladarba garanziji tas-self huma aċċettati bħala mod effettiv u effiċjenti ħafna kif jiġu indirizzati l-għanijiet tal-politika.

19.

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-osservazzjoni 17. L-SMEG ifittex li jtejjeb l-ambjent finanzjarju għall-SMEs, jespandi l-volum tas-self lill-SMEs u, safejn possibbli, jipprovdu kondizzjonijiet ta' self aħjar milli kien altrimenti jkun possibbli.

Huwa veru li għal intrapriżi li għadhom kemm ġew stabbiliti, ta' tkabbir għoli u orjentati fuq it-teknoloġija u r-riċerka, il-finanzjament tal-ekwità huwa l-istrument ippreferut. Madankollu, il-finanzjament tas-self huwa kompliment xieraq għall-finanzjament tal-ekwità sabiex jittejjeb it-tkabbir tal-intrapriża speċifika. Barra minn hekk, il-finanzjament tas-self huwa aktar rilevanti għall-maġġoranza tal-intrapriżi mill-ekwità, ladarba huwa normalment irħas, inqas diffiċli li wieħed ikollu aċċess għalih u ma jeħtieġx li l-intraprenditur iċedi kontroll parzjali tal-intrapriża. Għalhekk, din id-diversità ta' strumenti hija bbażata fuq kunċett ta' natura komplementari ta' strumenti tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' intrapriża.

22.

L-SMEG taħt is-CIP bena fuq esperjenza estensiva minn programm preċedenti (MAP), ivalidat minn evalwaturi esterni. Għalhekk, inħass li, għall-istrumenti finanzjarji, il-valutazzjoni tal-impatt tas-CIP kienet biżżejjed, meta jitqies li dawn l-istrumenti kienu effettivament kontinwazzjoni ta' programm predeċessur ta' suċċess u diġà kien hemm appoġġ wiesa' għalihom fi ħdan l-Awtorità Baġitarja. F'dan il-kuntest mhuwiex ċar għaliex valutazzjoni tal-impatt aktar estensiva jkollha valur miżjud.

M'hemmx dubju li l-aħjar Prattiki għal Valutazzjonijiet tal-Impatt Estiżi evolwew miż-żmien meta l-Valutazzjoni tal-Impatt Estiż tas-CIP twettqet, fl-2005. Huwa ugwalment ċar li s-servizzi tal-Kummissjoni se jirsistu sabiex japplikaw standards ogħla u sabiex jindirizzaw it-tħassib tal-Qorti fit-tnejn ta' kwalunkwe programm suċċessiv tas-CIP.

Il-Kummissjoni hija konxja għal kolloxx tal-benefiċċju ta' indikaturi ċari u sinifikanti u fl-2009 ikkummissjonat evalwazzjoni sabiex jiġu riveduti l-indikaturi. Il-proposti magħmula — abbażi ta' revizzjoni ddetaljata tal-loġika tal-intervent — diġà ġew implimentati u jikkostitwixxu titjib li għandu jindirizza xi wħud mit-tħassib tal-Qorti.

25.

Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Qorti li l-faċilità se tappoġġja aktar minn 315 750 SME. Meta jitqies it-teħid għoli attwali tal-faċilità, din il-mira tista' anke tinqabeż.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

26.

L-għanijiet ġew stipulati mill-awtorità leġiżlattiva b'mod li jippermetti l-implimentazzjoni f'numru ta' swieq individwali bi bżonnijiet differenti (pereżempju, enfasi fuq negozji li jkunu għadhom kemm fetħu, żieda fis-self, eċċ.), kif ukoll il-flessibbiltà li jwieġbu għal kondizzjonijiet tas-suq li jinbidlu matul il-perjodu ta' program-mazzjoni. Il-kunċett tal-innovazzjoni jirrifletti l-aħjar prattiki skont il-Manwal ta' Oslo tal-OECD kif imsemmi fid-Deċiżjoni tas-CIP.

29.

Il-Kummissjoni tilqa' l-apprezzament tal-Qorti tal-kompetenza tal-FEI.

31.

FI-2006 u l-2007 il-Kummissjoni ddiskutiet internament numru ta' kwistjonijiet ewlenin relatati mal-prestazzjoni tal-Faċilità inkluż il-parametri ta' aċċess imtejjeb għall-finanzjament.

Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-FEI raw li kien hemm bżonn li jindirizzaw fid-dettall u jivvalutaw mill-ġdid parti kbira mit-tweġitq tal-Faċilità u dawn il-miżuri l-ġodda huma riflessi fl-FMA taħt il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME tas-CIP.

Madakollu, ftehimiet tal-MAP setgħu jiġu ffirmati sal-aħħar tal-2006 b'perjodi ta' disponibbiltà li jdumu sa Diċembru 2008, li għal ħafna intermedjarji kienu jkopru għall-inqas parti mid-diskrepanza bejn l-MAP u s-CIP.

32.

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba tagħna għall-osservazzjoni 31.

33.

Il-perjodu medju ma jirriflettix it-tul ta' żmien medju tal-proċess kollu għall-intermedjarji kollha, iżda huwa bbażat fuq 9 intermedjarji li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew ipproċessati mill-FEI fil-bidu tal-programm. Huwa veru li l-ewwel applikazzjonijiet ġew ittrattati fuq perjodu relattivament twil, għal numru ta' raġunijiet (pereżempju, il-modifika ta' applikazzjoni inizjali f'kooperazzjoni mill-qrib mal-FI; l-istennija li l-FIs iwiegħbu jew jissottomettu informazzjoni mitluba; in-negozjati tal-ftehim tal-garanzija bejn l-FEI u l-FI). Għandu jiġi osservat, madankollu, li ladarba x-xogħol pendenti inizjali tlesta, l-applikazzjonijiet ġew ipproċessati fi żmien qasir. FI-2010 ż-żmien medju mill-applikazzjoni sal-firma niżel u huwa 6 xhur bħala medja.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li perjodi ta' applikazzjoni sal-firma ma jirriflettux ċerti fatturi prinċipali rilevanti għall-valutazzjoni tal-effiċjenza tal-proċess tal-applikazzjoni:

1. L-applikazzjoni inizjali ta' Intermedjarju hija rarament bażi għal aktar xogħol konkret — aktar informazzjoni teħtieġ li tiġi rċevuta minn intermedjarji sabiex titkompla d-diliġenza debita u jitkompla x-xogħol konkret.
2. Fir-rigward tar-rekwiżit għal aċċess imtejjeb għall-finanzjament, għandu jiġi osservat li, ħafna drabi, il-portafoll propost mill-Intermedjarju jgħaddi minn bidliet sostanzjali matul l-analiżi u n-negozjar tal-arranġament, li jista' jassorbi żmien addizzjonali konsiderevoli.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

3. L-intermedjarji ħafna drabi jeħtieġu żmien addizzjonali sabiex iwaqqfu l-implementazzjoni operattiva — id-data tal-firma tista' tiddewwem bi ftehim sabiex ikollhom żmien jippreperaw qabel il-bidu tal-perjodu matul liema jista' jiġi inkluż self tal-SME fil-portafoll (imsejjaħ bħala l-Perjodu ta' Disponibbiltà).

34.

Il-Kummissjoni u l-FEI m'għandhom l-ebda indikazzjoni li l-Faċilità soffriet bħala riżultat tad-dewmien fit-tnedija tagħha. Għall-kuntrarju, l-istrutturi ta' ġestjoni mtejbja, flimkien mal-isforzi meħuda sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess tal-approvazzjoni, wasslu għal riżultati pożittivi f'termini ta' proċessar mingħajr xkiel ta' sottomissjonijiet tal-FEI.

36.

Il-klawsola ta' retroattività ġiet introdotta sabiex jiġi minimizzat il-perjodu ta' żmien bejn il-MAP u s-CIP għall-intermedjarji li riedu jkomplu bil-programmi tal-SME tagħhom taħt il-programm tas-CIP (li diġà għe ppubblikat). Il-kunċett ta' trattament indaqs huwa applikabbli biss għal każijiet indaqs. Ma jinvolvi l-istess trattament ta' każijiet li huma oġġettivament differenti. Fir-rigward ta' intermedjarji finanzjarji ġodda, ma kienx hemm dan il-perjodu ta' żmien li jrid jiġi kopert minn inklużjoni retroattiva ta' self. Il-Kummissjoni eżaminat l-implikazzjoni legali tal-possibbiltà ta' applikazzjoni retroattiva tal-SMEG tas-CIP, u kkonkludiet li trattament indaqs għal intermedjarji finanzjarji ġodda jiġi żgurat permezz tal-Perjodi ta' Disponibbiltà tal-istess tul ta' żmien.

41.

Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni pożittiva tal-Qorti tal-istruttura tal-ġestjoni.

45.

Wara l-kriżi finanzjarja, ma kien hemm kważi l-ebda tranżazzjoni tat-titolizzazzjoni mill-2008. Għalhekk mhuwiex sorprendenti li d-domanda għal dan il-perjodu speċifiku tal-SMEG ma kinitx eżistenti. Madankollu, issa li s-suq tat-titolizzazzjoni qed jiżdied xi ftit, l-ewwel titolizzazzjoni tas-CIP qed tiġi eżaminata mill-FEI u bank promozzjonali nazzjonali wieħed qed jitolob parteċipazzjoni tas-CIP sabiex jinfetaħ is-suq tat-titolizzazzjoni għal portafolli tas-self tal-SME. Barra minn hekk, l-ewwel tranżazzjoni taħt il-perjodu tal-Ekwità ġiet approvata f'Settembru 2010 mill-Bord tal-FEI u f'Ottubru 2010 mill-Kummissjoni.

50.

L-FEI jaħdem b'linji gwida ta' selezzjoni ċari kif miftiehem mal-Kummissjoni (Anness 1 għall-FMA) sabiex jiġi implementat il-mandat taħt sejħa miftuħa u, kif imsemmi mill-Qorti fil-paragrafu 29, l-FEI għandu l-kompetenza meħtieġa.

Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li fil-proċess tal-preselezzjoni tal-valutazzjoni ta' applikazzjoni l-FEI jirrikjedi li l-intermedjarji jissodisfaw standards minimi fir-rigward tas-suffiċjenza ta' informazzjoni provduta kif deskritt hawn taħt.

Il-proċedura tal-preselezzjoni hija selezzjoni formali mit-tim tat-tranżazzjoni tal-garanzija ibbażata essenzjalment fuq il-kwalità tal-applikazzjoni fir-rigward tal-eliġibilità u l-kriterji tas-selezzjoni. Barra minn hekk, kull proposta hija soġġetta għal opinjoni indipendenti mill-manġment tar-riskju tal-FEI, opinjoni ta' konformità, u laqgħa formali ta' reviżjoni qabel ma jiltaqa' l-Bord inkluż is-servizzi kollha rilevanti tal-FEI.

Il-Kummissjoni, madankollu, se tikkunsidra wkoll jekk ikunx xieraq għall-FEI li juża sistema ta' punti f'din it-tip ta' proċedura tas-sejħa sabiex jiġi definit livell minimu ta' punti għal kwalunkwe programm suċċessiv.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

53.

It-talbiet tal-approvazzjoni tas-CIP jinkludu analiżi ddettaljata tal-volumi u l-bażi u l-metodoloġija tad-determinazzjoni tar-rata limitu proposta (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 63 hawn taħt). Dan huwa r-riżultat ta' skambji estensivi mal-intermedjarju, fost affarijiet oħra, minħabba li l-addizzjonalità eżatta qed tiġi rfinuta u l-volumi u t-telf rilevanti tal-passat jeħtieġ li jiġu estratti mill-intermedjarju. Dan jinkludu wkoll volumi miksuba u telf irrapportat taħt ftehimiet preċedenti, jekk ikun hemm, li huma disponibbli fi ħdan l-FEI.

Barra minn hekk, dan huwa biss *input* wieħed, minħabba li r-rata limitu teħtieġ li tikkunsidra żviluppi futuri (eż. effetti ta' addizzjonalità fuq telf mistenni, bidliet ekonomiċi mistennija). Dan huwa deskritt fit-talba għall-approvazzjoni lill-Bord tad-Diretturi tal-FEI.

L-FEI iwettaq kontrolli ta' plawżibbiltà fuq l-informazzjoni provduta minn intermedjarji u juża l-għarfien estensiv tiegħu tar-riskju tal-kreditu tal-SME f'diversi swieq Ewropej. Minħabba li ħafna intermedjarji ilhom jaħdmu mal-FEI għal numru ta' snin taħt ftehimiet preċedenti tal-SMEG, l-FEI għandu dejta ta' volum u telf disponibbli għal dawn l-intermedjarji, għalkemm dawn mhumiex l-uniċi parametri kkunsidrati mill-FEI.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra mal-FEI kif id-dokumentazzjoni tal-istipular tal-parametri tista' tittejjeb aktar għal kwalunkwe programm suċċessiv.

55.

It-termini tal-garanzija huma f'konformità mal-Ftehim ta' Fiduċjarji u Ġestjoni bejn il-Kummissjoni u l-FEI (FMA) li jirrifletti l-oġettivi usa' tal-bażi legali. L-eżempji provduti mill-Qorti jirriflettu ftehimiet speċifiċi għal dawn l-arranġamenti.

L-għanijiet tas-CIP jinkludu: "li jrawwem il-kompettitività tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs,"; u "li jippromwovi l-forom kollha tal-innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni". Barra minn hekk, l-SMEG għandu: itejjeb l-aċċess minn SMEs eżistenti għall-finanzjament tas-self, iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' finanzjament li dejjem jinbidlu tal-SMEs, jappoġġja l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu u t-tkabbir tal-SMEs u investiment f'attivitajiet ta' innovazzjoni, u jappoġġja l-espansjoni transkonfinali tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

L-introduzzjoni ta' rekwiżiti restrittivi wisq rigward il-benefiċjarji finali ma tkunx konsistenti mal-oġettivi politiċi wiesgħin u tkun ta' detriment għall-implimentazzjoni tal-programm. Jista' jkollha wkoll konsegwenzi negattivi għall-effiċjenza tal-programm.

1. Proċeduri kkumplikati għall-istituzzjoni ta' self sabiex tiskrutinja bir-reqqa u tid-dokumenta n-nuqqas ta' kapital ta' garanzija,
2. L-eżenzjoni tal-benefiċċji tad-diversifikazzjoni tal-portafoll (ta' self),
3. Iż-żieda fil-probabbiltajiet ta' inadempjenza u t-telf mistenni li jirriżulta fi ħtiġijiet ogħla tal-baġit, ingranaġġ aktar baxx u effiċjenza aktar baxxa.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

62.

Il-bidla f'indikaturi intalbet mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-kumitat ta' ġestjoni tal-FEI u l-Kummissjoni kkonformat ma' din it-talba. Barra minn hekk, jekk jogħġbok innota li l-evalwazzjoni *ex ante* tiddikjara b'mod ċar li dawn l-indikaturi huma soġġetti għar-reviżjoni u l-aġġornar.

63.

Il-Kummissjoni tivvaluta l-iżvilupp tal-programm mhux biss fuq il-bażi tal-indikaturi, iżda anke billi tqis in-numru ta' pajjiżi koperti, in-numru ta' intermedjarji li jiffirmaw kull sena, il-volum tal-portafolli sottostanti u l-ammont sinifikanti ta' informazzjoni addizzjonali provduta fil-kuntest tar-rapportar tal-FEI.

Minħabba li l-programm ta' ġestjoni tal-EIP jiġi aġġornat b'mod regolari fuq dak imsemmi hawn fuq, jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-programm. Il-Kummissjoni tikkunsidra li aktar milli tistipula miri kull sena, huwa aktar importanti li tara l-iżvilupp fit-tul u kif tiddikjara l-Qorti fil-paragrafu 103, il-mira fir-rigward tan-numru mil-huq ta' SMEs "x'aktarx tinkiseb".

64.

Il-Kummissjoni taċċetta li hemm ħtieġa għal kejl aħjar tas-suċċess tal-programm. Il-Kummissjoni aċċettat l-indikaturi ssuġġeriti mill-evalwaturi u kkommissjonat stħarriġ fil-qafas tal-evalwazzjoni finali tal-EIP. Ir-riżultati se joħorġu f'nofs l-2011.

67.

Minħabba f'realtajiet differenti tas-suq u amministrattivi l-FEI jista' ma jimponix sistema waħda għall-ġbir ta' din id-dejta. Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dejta dwar l-impjiegi fi programm bħal dan tiġi vvalutata aħjar fil-kuntest ta' evalwazzjoni.

Analiżi tad-dejta dwar l-impjiegi twettqet mill-evalwaturi indipendenti fil-kuntest ta' Evalwazzjoni Interim tal-Programm għall-Intraprenditorja u l-Innovazzjoni taħt is-CIP (dejta fuq beneficijarji tal-MAP) u kkonkludew li kien hemm tkabbir ta' 17 % fl-impjiegi minn meta ġie rċevut is-self garantit mill-Programm.

68.

Il-valutazzjoni ta' kawżalità bejn l-impjiegi u l-finanzjament il-ġdid irċevut mill-SME hija fil-fatt kwistjoni kumplessa u l-Kummissjoni taqbel li din tiġi indirizzata l-aħjar fil-kuntest ta' evalwazzjoni.

79.

L-oġġettivi tas-CIP jinkludu: "li jrawwem il-kompettitivita tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs,"; u "li jippromwovi l-forom kollha tal-innovazzjoni, inkluża l-eko-innovazzjoni". Barra minn hekk, l-SMEG għandu:

1. "itejjeb l-aċċess minn SMEs eżistenti għall-finanzjament tas-self għal attivitajiet li jappoġġjaw il-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir tagħhom" (premissa 27 tal-bażi legali),
2. "iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' finanzjament li dejjem jinbidlu tal-SMEs" (premissa 29),
3. jappoġġja "l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji li għadhom kemm fetħu u t-tkabbir tal-SMEs u investiment f'attivitajiet ta' innovazzjoni" (Artikolu 10.2(a)),
4. u jappoġġja "l-espansjoni transkonfinali tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom" (Artikolu 17.1).

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni għandha l-pjaċir li tosserva li l-parti l-kbira (90 %) ta' intermedjarji mistħarrġa qablu li garanziji tal-SMEG tas-CIP huma mmirati lejn klijenti b'nuqqas ta' kapital ta' garanzija li huwa skont l-Artikolu 19.2 l-ewwel inċiż.

80.

L-istruttura tat-**Tabella 5** tidher li hija bbażata fuq il-preżunzjoni li sabiex SME tibbenefika minn SMEG għandha jew tkun nieqsa mill-kapital ta' garanzija jew tkun innovattiva. Din hija bbażata fuq l-Artikolu 19 tal-bażi legali meħud għalih waħdu. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-qari kkombinat ta' premessi 20, 22, 27 juri li l-programm għandu ambitu usa' u jimmira lejn firxa wiesgħa ta' SMEs, inkluż iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom. L-Artikoli 10 u 17 tal-bażi legali).

Il-Kummissjoni tikkunsidra li mil-lat legali, il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME trid tiġi implimentata b'tali mod li tkopri firxa wiesgħa ta' SMEs, u mhux biss SMEs innovattivi, sabiex tikkonforma għal kollox mal-bażi legali.

L-innovazzjoni hija waħda mill-obiettivi deskritti fil-bażi legali tas-CIP, u r-riżultati tal-istħarriġ juru b'mod ċar li l-SMEG appoġġja l-innovazzjoni u dan sa grad għoli. Mill-banda l-oħra, l-innovazzjoni mhijiex l-uniku objettiv u m'hemm l-ebda kwota jew mira speċifika mogħtija fil-bażi legali u lanqas kwalunkwe mandat li jirrigwardja l-perċentwal ta' investimenti li għandhom isiru f'appoġġ għall-innovazzjoni.

Fir-rigward tat-**Tabella 5**, huwa diffiċli ħafna fi kwalunkwe programm pubbliku li jintlaħqu eżattament u biss klijenti definiti minn qabel. Wieħed għalhekk jistenna wkoll xi telf nett fi programm bħall-SMEG. L-użu li jista' jsir miċ-ċifri ppreżentati dwar l-SMEs li kellhom nuqqas suffiċjenti ta' kapital ta' garanzija huwa llimitat mill-fatt li huwa preżunt li d-dokumentazzjoni fil-livell intermedjarju finanzjarju kienet komprensiva u għalhekk irrappreżentat għal kollox is-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-SMEs eżaminati. Jidher għall-inqas diskutibbli jekk talba għall-approvazzjoni tkun tinkludi kwalunkwe analiżi ddettaljata ta' assi li ma jiġux proposti bħala kapital ta' garanzija għas-self.

Fl-aħħar nett, fil-kuntest tal-evalwazzjoni kontinwa tal-EIP¹, evalwaturi esterni wettqu intervisti bit-telefown ta' 200 SME taħt il-Perjodu tal-Garanzija tas-Self tal-SMEG tas-CIP. Skont l-abbozz tar-rapport, 65 % tal-benefiċjarji tal-SMEG indikaw li innovaw fir-rigward ta' Prattiki ta' strateġija u negozju f'dawn l-aħħar tliet snin, 61 % wiegħbu li ġew involuti f'innovazzjoni tal-prodott u/jew is-servizz u 50 % fl-innovazzjoni tal-proċess.

81.

Filwaqt li l-innovazzjoni hija waħda biss mill-obiettivi multipli tas-CIP, huwa pożittiv li wieħed jara li kien hemm numru ta' investimenti ġodda fis-suq u ġodda globalment appoġġjati mill-SMEG.

L-għanijiet tal-innovazzjoni tal-SMEG mhumiex limitati għal tipi ta' innovazzjoni ġdida fis-suq jew ġdida globalment u l-importanza ta' innovazzjoni tad-ditti biss m'għandhiex tiġi sstottovalutata. Fil-fatt, din l-innovazzjoni tippermetti li intrapriża tavanza b'mod konformi mal-kompetituri tagħha, u għalhekk tikseb objettiv ewlieni tas-CIP (kompetittività).

¹ Evalwazzjoni Finali tal-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni. L-Ewwel Rapport dwar is-Sejbiet u r-Rakkomandazzjonijiet, Frar 2011.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

82.

Id-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni tal-bank li jsellef, issemmi l-kapital ta' garanzija offrut sabiex jiġi żgurat il-finanzjament. Għandu jiġi osservat ukoll li huwa fl-aħjar interess tal-applikant għas-self li joffri kemm jista' jkun kapital ta' garanzija sabiex iżid il-possibbiltajiet ta' deċiżjoni pożittiva ta' finanzjament mill-bank.

83.

Jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-osservazzjoni 85.

85.

"Telf nett" m'għandux jidher bħala sinonimu ma' allokazżjoni baġitarja ineffiċjenti.

Il-garanziji tal-SMEG jiġu provduti fuq bażi ta' portafoll, għall-kuntrarju tal-garanzija ta' self b'self.

Il-programm tas-CIP qed jindirizza kwistjonijiet potenzjali ta' telf nett fid-disinn tiegħu billi jirrikjedi li intermedjarju jagħmel iżjed milli kieku jagħmel mingħajr il-garanzija tas-CIP, minħabba li l-garanzija hija fuq kundizzjoni li l-intermedjarju jaqbeż il-volum ta' referenza. Dan tal-aħħar jiġi definit bħala l-volum stmat ta' finanzi li l-intermedjarju jipprovdi fin-nuqqas tal-garanzija tas-CIP.

Barra minn hekk, minbarra l-mikrokwistjoni ta' jekk SME individwali għandhiex kapital ta' garanzija biżżejjed jew hijiex innovattiva jew le, hemm il-makrokwistjoni ta' jekk l-intermedjarju jaqbiżx jew le il-Volum ta' Referenza stipulat. Jekk intermedjarju ma jaqbiżx din il-mira, il-Faċilità ma tipprovdi appoġġ ta' garanzija għall-komponent ta' "telf nett" tal-portafoll.

86.

Il-klawsola dwar il-prinċipji ta' aċċess imtejjeb għall-finanzi tistipula (hija u tirrifletti l-FMA) l-oġġettivi ewlenin tal-Faċilità, jiġifieri t-titjib ta' aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, l-għajnuna fil-każ ta' nuqqas ta' kapital ta' garanzija suffiċjenti jew proġetti innovattivi u l-istimulazzjoni ta' ħolqien tal-impjegi u t-tkabbir tal-SMEs permezz ta' dispożizzjoni addizzjonali tal-iffinanzjar tad-dejn.

Il-klawsola hija interpretattiva, mhux preskrittiva — ir-rekwiżiti speċifiċi ta' addizzjonalità huma stipulati fit-termini intermedjarji. F'konformità mal-FMA, dejjem hemm żieda fil-volum mitlub u, skont l-ispeċifikitajiet tal-proġett imwaqqaf flimkien mal-intermedjarju, jista' jkun hemm aktar klawsoli speċifiċi fit-termini intermedjarji, pereżempju, ħidmiet ta' addizzjonalità kwalitattiva mill-intermedjarji sabiex jiġi pprovdut il-finanzjament lil kategoriji aktar riskjużi ta' SMEs, bħal negozji li għadhom kemm fetħu.

87.

Jekk jogħġbok ara hawn fuq tveġibiet rigward it-telf nett (paragrafu 85) u rigward l-oġġettivi tal-programm (paragrafu 26).

93.

L-FEI ixerred prattiki tajba, speċjalment f'pajjiżi bi swieq finanzjarji li għadhom qed jiżviluppaw u skemi ta' garanzija li għadhom qed jiżviluppaw. Mhuwiex intenzjonat li l-Kummissjoni u l-FEI jimponu unilateralment kondizzjonijiet/prattiki ta' garanzija. L-informazzjoni rilevanti kollha hija evalwata b'attenzjoni u jiġu proposti soluzzjonijiet imħejjija apposta sabiex jadattaw għas-sitwazzjoni ekonomika, ir-reġim tat-tassazzjoni u prattiki tan-negozju fis-suq rilevanti.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

Fir-rigward tal-viżibiltà, il-Kummissjoni wettqet attivitajiet ta' informazzjoni fi kważi l-pajjiżi parteċipanti kollha sabiex iżżid għarfien dwar l-SMEG u l-GIF. Ġranet ta' Finanzjament tal-SMEs ġew organizzati f'28 Pajjiż Parteċipanti tas-CIP, fejn laħqu udjenza usa' ta' intermedjarji, SMEs u multiplikaturi.

Tweġiba komuni għal 96, 97 u 98.

Il-Kummissjoni temmen li hemm preżunzjoni qawwija favur il-preżenza tal-valur miżjud tal-UE, kif osservat mill-evalwazzjoni finali tal-MAP.

L-evalwazzjoni esterna tal-2004 tal-MAP ikkonkludiet li: *“Iż-żewġ strumenti juru valur miżjud Ewropew ċar li huwa kemm kwantitattiv: ippermettew lill-intermedjarji finanzjarji sabiex jieħdu aktar riskju permezz tal-investiment (ETF Start-up) u l-garanzija (SMEG) ta' volumi akbar; kif ukoll kwalitattiv: l-appoġġ tal-MAP u l-firma tal-FEI taw 'leġittimità' lill-fondi appoġġjati u sa ċertu punt lil beneficijarji finali tal-SME (ETF Start-up), u għinu lill-mikrointrapriżi sabiex isiru 'bankabli' (Mikrokreditu tal-SMEG)”*.

Għandu jiġi osservat ukoll li l-istess evalwazzjoni esterna kkonkludiet li:

“[...] f'pajjiżi fejn l-FEI ħadem ma' intermedjarji finanzjarji nazzjonali b'saħħithom, [...] kien hemm komplementarjetajiet qawwija li wasslu għal valur miżjud partikolarment għoli [...] u taħlit”;

Ir-risultat ta' din is-selezzjoni ta' każijiet tista' tkun ukoll riflessjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008–10 (birreċessjoni l-aktar severa mid-Depressjoni l-Kbira). Ir-reċessjoni fissret li livelli ta' riskju żdiedu u wasslu għal inqas investiment fl-innovazzjoni mill-SMEs.

99.

L-SMEG taħt is-CIP bena fuq esperjenza estensiva minn programm preċedenti (MAP), iinvalidat minn evalwaturi esterni li rakkomandaw il-kontinwazzjoni tal-programm bid-diversità tal-istrumenti tiegħu (minbarra l-perjodu tas-self tal-ICT li għalhekk ingħalaq). Ma kienx għalhekk ikkunsidrat meħtieġ, la mill-Kummissjoni u lanqas mill-Awtorità tal-Baġit, li tiġi ddikjarata b'mod espliċitu l-loġika tal-intervent, ladarba garanziji tas-self huma aċċettati bħala mod effettiv u effiċjenti ħafna kif jiġu indirizzati l-oġettivi tal-politika.

M'hemmx dubju li l-aħjar prattiki għal Valutazzjonijiet tal-Impatt Estiżi evolwew miż-żmien meta l-Valutazzjoni tal-Impatt Estiż tas-CIP twettaq, fl-2005. Huwa ugwalment ċar li s-servizzi tal-Kummissjoni se jirsistu sabiex japplikaw standards oġhla u sabiex jindirizzaw it-tħassib tal-Qorti fit-tnejn tal-programm suċċessiv tas-CIP.

Il-Kummissjoni hija konxja għal kollox tal-benefiċċju ta' indikaturi ċari u sinifikanti. Dan jintwera mill-fatt li s-servizzi tal-Kummissjoni ħadu l-inizjattiva fl-2009 sabiex jikkummissjonaw evalwazzjoni sabiex jirrevedu l-indikaturi. Il-proposti magħmula — abbażi ta' reviżjoni ddettaljata tal-loġika tal-intervent — diġà ġew implimentati u jikkostitwixxu titjib li għandu jindirizza xi wħud mit-tħassib tal-Qorti.

Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li diġà qed titqies fid-diskussjonijiet u l-ippjanar għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali ta' wara l-2013.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

100.

Fl-2006 u l-2007 l-Kummissjoni ddiskutiet internament numru ta' kwistjonijiet ewlenin relatati mal-prestazzjoni tal-Faċilità, inkluż il-parametri ta' aċċess imtejjeb għall-finanzjament. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-FEI sabuha meħtieġa li jindirizzaw fid-dettall u jivvalutaw mill-ġdid parti kbira mit-twettiq tal-Faċilità u dawn il-miżuri l-ġodda huma riflessi fl-FMA taħt il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME tas-CIP. Madankollu, ftehimiet tal-MAP setgħu jiġu ffirmati sal-aħħar tal-2006 b'perjodi ta' disponibbiltà li jdumu sa Diċembru 2008 li għal ħafna intermedjarji kienu jkopru għall-inqas parti mid-discrepanza bejn l-MAP u s-CIP.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-FEI m'għandhom l-ebda indikazzjoni li l-Faċilità soffriet bħala riżultat tad-dewmien fit-tnedija tagħha. Għall-kuntrarju, l-istrutturi ta' ġestjoni mtejjba, flimkien mal-isforzi meħuda sabiex jiġi ssimplifikat il-proċess tal-approvazzjoni, wasslu għal riżultati pożittivi f'termini ta' proċessar mingħajr xkiel ta' sottomissjonijiet tal-FEI.

Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni tifhem għal kollox ir-raġunament wara din ir-rakkomandazzjoni u taqbel li jkun mixtieq li tipproċedi bil-mod issuġġerit mill-Qorti. Madankollu, l-iskeda taż-żmien tal-proċess tal-kodeċiżjoni għall-bażi legali tfisser li l-kontenut finali tal-bażi legali ma jkunx normalment magħruf sa ftit qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Għal din ir-raġuni, filwaqt li l-Kummissjoni se tagħmel ammont sinifikanti ta' xogħol preparatorju bil-quddiem, ma tistax tkun ċerta jekk koprietx għal kollox l-aspetti kollha tal-bażi legali jew le sakemm dan tal-aħħar jiġi adottat formalment. L-għan ikun li fil-bidu tal-perjodu tal-programmazzjoni jkun hemm possibbilment programm operattiv li wasal biex jitlesta.

101.

L-FEI jaħdem b'linji gwida ta' selezzjoni ċari kif miftiehem mal-Kummissjoni (Anness 1 għall-FMA) sabiex jiġi implimentat il-mandat taħt sejħa miftuħa u, kif imsemmi mill-Qorti fil-paragrafu 29, l-FEI għandu l-kompetenza meħtieġa.

Fil-proċess ta' preselezzjoni tal-valutazzjoni ta' applikazzjoni l-FEI jirrikjedi li l-Intermedjarji jissodisfaw standards minimi fir-rigward tas-suffiċjenza tal-informazzjoni provduta kif deskritt hawn taħt.

Il-proċedura tal-preselezzjoni hija selezzjoni formali mit-tim tat-tranżazzjoni tal-garanzija ibbażata essenzjalment fuq il-kwalità tal-applikazzjoni fir-rigward tal-eliġibbiltà u l-kriterji tas-selezzjoni. Barra minn hekk, kull proposta hija soġġetta għal opinjoni indipendenti mill-maniġment tar-riskju tal-FEI, opinjoni ta' konformità, u laqgħa formali ta' reviżjoni qabel ma jiltaqa' l-Bord inkluż is-servizzi kollha rilevanti tal-FEI.

Il-Kummissjoni, madankollu, se tikkunsidra wkoll jekk ikunx xieraq għall-FEI li juża sistema ta' punti għal kwalunkwe programm suċċessiv f'din it-tip ta' proċedura tas-sejħa sabiex jiġi definit livell minimu ta' punti.

Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll jekk ikunx xieraq għall-FEI li juża sistema ta' punti għal kwalunkwe programm suċċessiv sabiex jiġi definit livell minimu ta' punti.

Fir-rigward tad-dokumentazzjoni tal-parametri ta' garanzija, il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll il-ħtieġa għall-kjarifika tar-rekwiżiti, kif ukoll kwalunkwe miżuri addizzjonali, rigward id-dokumentazzjoni tal-FEI relatata mal-kalkoli ta' parametri għall-ftehimiet tal-garanzija.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

102.

Il-Kummissjoni taqbel li n-“numru ta’ impjegi maħluqa” huwa l-indikatur l-aktar xieraq li jinġabar fid-dawl tal-evalwazzjoni tal-programm.

Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li se titqies għal kwalunkwe programm suċċessiv għall-SMEG.

103.

L-innovazzjoni hija waħda mill-objettivi deskritti fil-bażi legali, u r-riżultati tal-intervisti bit-telefown imwettqa fil-kuntest tal-evalwazzjoni kontinwa tal-EIP juru biċ-ċar li l-SMEG appoġġjat l-innovazzjoni. Mill-banda l-oħra, l-innovazzjoni mhijiex l-uniku għan u m’hemm l-ebda kwota jew mira speċifika mogħtija fil-bażi legali, u lanqas xi mandat li jirrigwardja l-perċentwal ta’ investimenti li għandhom isiru f’appoġġ tal-innovazzjoni.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-qari kombinat tal-premessi 20, 22, 27 juri li l-programm għandu ambitu usa’ minn dak indikat mill-Qorti. L-SMEG jimmira lejn firxa wiesgħa ta’ SMEs inkluż iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom (l-Artikoli 10 u 17 tal-bażi legali) u mhux biss lejn SMEs innovattivi jew dawk neqsin mill-kapital ta’ garanzija. Dan huwa rifless fl-implimentazzjoni tiegħu.

“Telf nett” m’għandux jidher bħala sinonimu ma’ allokkazzjoni baġitarja ineffiċjenti. Il-garanziji tal-SMEG jiġu provduti fuq bażi ta’ portafoll għall-kuntrarju tal-garanzija ta’ self b’self.

Il-programm tas-CIP qed jindirizza kwistjonijiet potenzjali ta’ telf nett fid-disinn tiegħu billi jirrikjedi li intermedjarju jagħmel iżjed milli kieku jagħmel mingħajr il-garanzija tas-CIP, minħabba li l-garanzija hija bil-kundizzjoni li l-intermedjarju jaqbeż il-volum ta’ referenza. Dan tal-aħħar jiġi definit bħala l-volum stmat ta’ finanzjament li l-intermedjarju jipprovdi fin-nuqqas tal-garanzija tas-CIP. Minkejja dan il-Kummissjoni taqbel li miżuri xierqa sabiex jiġi minimizzat il-piż mejjet għandhom jiġu previsti fi kwalunkwe programm suċċessiv.

Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li se titqies għal kwalunkwe programm suċċessiv għall-SMEG.

104.

L-FEI ixxerred prattiki tajba speċjalment f’pajjiżi bi swieq finanzjarji li għadhom qed jiżviluppaw u skemi ta’ garanzija li għadhom qed jiżviluppaw. Mhuwiex intenzjonat li l-Kummissjoni u l-FEI jimponu unilateralment kondizzjonijiet/prattiki ta’ garanzija. L-informazzjoni rilevanti kollha hija evalwata b’attenzjoni u soluzzjonijiet imħejjija apposta huma proposti sabiex jadattaw għas-sitwazzjoni ekonomika, ir-reġim tat-tassazzjoni u prattiki tan-negożju fis-suq rilevanti.

Il-Kummissjoni temmen li hemm preżunzjoni qawwija favur il-preżenza tal-valur miżjud tal-UE, kif osservat mill-evalwazzjoni finali tal-MAP.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

L-evalwazzjoni esterna tal-2004 tal-MAP ikkonkludiet li: "Iż-żewġ strumenti juru valur miżjud Ewropew ċar li huwa kemm kwantitattiv: ippermettew lill-intermedjarji finanzjarji sabiex jieħdu aktar riskju permezz tal-investment (ETF Start-up) u l-garanzija (SMEG) ta' volumi akbar; kif ukoll kwalitattiv: l-appoġġ tal-MPA u l-firma tal-FEI taw "leġittimità" lill-fondi appoġġjati u sa ċertu punt lil beneficijarji finali tal-SME (ETF Start), u għinu lill-mikrointrapriżi sabiex isiru "bankabbli" (Mikrokreditu tal-SMEG)'.

Għandu jiġi osservat ukoll li l-istess evalwazzjoni esterna kkonkludiet li:

"[...] f'pajjiżi fejn l-FEI ħadem ma' intermedjarji finanzjarji nazzjonali b'saħħithom,[...] kien hemm komplementarjetajiet qawwija li jwasslu għal valur miżjud partikolarment għoli [...] u taħlit";

Ir-risultat ta' din is-selezzjoni ta' każijiet tista' tkun ukoll riflessjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika tal-2008-10 (birreċessjoni l-aktar severa mid-Depressjoni l-Kbira). Ir-reċessjoni fessret li l-livelli ta' riskju żdiedu u wasslu għal inqas investment fl-innovazzjoni mill-SMEs.

Rakkomandazzjoni 6

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, li diġà qed jitqies fid-diskussjonijiet u l-ippjanar għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali wara l-2013, fejn "l-iżgurar tal-valur miżjud tal-UE" huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin li jridu jiġu rrispettati mill-istrumenti kollha proposti.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2011
Il-verifika tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 — 64 pp. — 21 × 29,7 ċm

ISBN 978-92-9237-166-1

doi:10.2865/27953

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

WIEĦED MILL-ISTRUMENTI FINANZJARJI STABBILITI TAĦT IL-PROGRAMM TA' QAFAS GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U L-INNOVAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA HUWA L-FAĊILITÀ TA' GARANZIJA GĦALL-SMES. F'DAN IR-RAPPORT IL-QORTI TEŻAMINA T-TFASSIL U L-IPPJANAR, IL-ĠESTJONI TAL-OPERAZZJONIJIET TAGĦHA U L-ILĦUQ TAL-OBJETTIVI TAGĦHA BIEĶ TIVALUTA L-EFFETTIVITÀ TAGĦHOM. FILWAQT LI L-KUMMISSJONI DIĠÀ GĦAMLET PROGRESS SINIFIKANTI META MQABBEL MAL-PROGRAMMI TA' QABEL, AKTAR TITJIB HUWA RRAKKOMANDAT FIR-RIGWARD TAT-TFASSIL, IL-ĠESTJONI TAL-OPERAZZJONIJIET U GĦALL-KEJL TAL-KISBIET TAL-FAĊILITÀ.



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9237-166-1



9 789292 371661